**Is-Sistema ta' Numerazzjoni Internazzjonali Standard tal-Kotba**

# Manwal għall-Utenti tal-ISBN

**Edizzjoni Internazzjonali**

Is-Sitt Edizzjoni

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Malta 2016
www.ktieb.org.mt

L-iżjed verżjoni aġġornata tal-Manwal għall-Utenti tal-ISBN
tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN:
http://www.isbn-international.org

ISBN 978-99957-889-4-0

©2016 Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Traduzzjoni tas-Sitt Edizzjoni tal-*ISBN Users' Manual*

Il-permess għall-istampar mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal ta' dan il-manwal jingħata biss bil-kundizzjoni li ssir bil-miktub dikjarazzjoni tas-sors u li tintbagħat kopja, preferibbilment elettronika, lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

**Werrej**


1. Sfond Storiku 5
2. Il-Benefiċċji tal-ISBN 6
3. Il-Funzjoni u l-Għan tal-ISBN 7
4. L-Istruttura tal-ISBN 9
   - 4.1 Il-prefiss 10
   - 4.2 In-numru tal-identifikazzjoni tal-grupp 11
   - 4.3 In-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur 11
   - 4.4 In-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikazzjoni 11
   - 4.5 Il-kodiċi tal-kontroll 12
5. L-Applikazzjoni tal-ISBN 12
   - 5.1 B'mod ġenerali 12
   - 5.2 Bidliet fil-pubblikazzjonijiet 12
   - 5.3 Riproduzzjonijiet facsimile 12
   - 5.4 Pubblikazzjonijiet f'formats differenti 13
   - 5.5 Pubblikazzjonijiet b'paġni sfużi 13
   - 5.6 Pubblikazzjonijiet f'diversi volumi 13
   - 5.7 Katalgi ta' kotba li għadhom fl-istampa 13
   - 5.8 Pubblikazzjonijiet konġunti 14
   - 5.9 Pubblikazzjonijiet mibjugħa jew imqassma mill-aġenti 14
   - 5.10 Akkwiżizzjoni ta' dar ta' pubblikazzjoni minn oħra 14
   - 5.11 Akkwiżizzjoni tal-istokk kollu u tad-drittijiet tal-pubblikazzjoni 15
   - 5.12 Pubblikaturi b'diversi postijiet ta' pubblikazzjoni 15
   - 5.13 Ir-ripertorju tal-ISBNs u l-metadata korrispondenti 15
   - 5.14 ISBN ma jintuża qatt iżjed minn darba 17
6. L-allokazzjoni tal-ISBN għal Pubblikazzjonijiet Elettroniċi u għal Software 17
   - 6.1 L-ISBNs għal pubblikazzjonijiet elettroniċi eliġibbli 17
   - 6.2 L-ISBNs għal prodotti ta' software eliġibbli 18
   - 6.3 L-allokazzjoni tal-ISBN għal pubblikazzjonijiet elettroniċi u għal software 18
7. L-ISBNs għal Pubblikazzjonijiet Stampati on-Demand 22
8. Fejn jiġi stampat u fejn għandu jidher l-ISBN 22
   - 8.1 Ġenerali 22
   - 8.2 L-ISBN miktub f'kodiċi bl-iżbarri 23
   - 8.3 Il-kodiċi supplimentari b'ħames ċifri 24
   - 8.4 L-algoritmu li jiġġenera l-kodiċi bl-iżbarri tal-ISBN u tal-EAN.UCC 25
9. Il-Ġestjoni tas-Sistema tal-ISBN 25
   - 9.1 Ġenerali 25
   - 9.2 Il-ġestjoni internazzjonali 25
   - 9.3 L-aġenziji nazzjonali tal-ISBN 26
   - 9.4 Il-ġestjoni mill-pubblikaturi 28
10. Pubblikaturi Non-parteċipanti 28
11. L-ISBN u l-GS1 29
12. L-ISBN u Identifikaturi Oħrajn 30
    - 12.1 Id-DOI 30
    - 12.2 L-ISBN-A 30
    - 12.3 Il-GTIN 30
    - 12.4 Il-URN 31
    - 12.5 L-ISAN 32
    - 12.6 L-ISMN 32
    - 12.7 L-ISRC 33

12.8 L-ISSN....33
12.9 L-ISTC....34
12.10 L-ISWC....35
12.11 L-ISNI....36
13. L-ONIX għall-Kotba....36
14. Pubblikazzjonijiet....38
15. Mistoqsijiet Frekwenti dwar is-Sistema tal-ISBN....38

Anness 1: Il-Kalkolu taċ-ċifri tal-kontroll u d-distribuzzjoni tal-meded numeriċi
A1.1 Il-kalkolu taċ-ċifra tal-kontroll....39
A1.2 Id-Distribuzzjoni tal-Meded Numeriċi....40

# 1. Sfond Storiku

Il-kwistjoni tal-ħtieġa u tal-fattibbiltà ta' sistema ta' numerazzjoni internazzjonali tal-kotba bdiet tiġi diskussa waqt it-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar ir-Riċerka u r-Razzjonalizzazzjoni tas-Suq u l-Kummerċ tal-Ktieb li saret f'Novembru 1966 f'Berlin.

Dak iż-żmien għadd ta' pubblikaturi Ewropej kienu qed jikkunsidraw l-użu tal-kompjuters sabiex jipproċessaw l-ordnijiet u jikkontrollaw l-inventarji, u kien diġà deher ċar li d-dħul fis-seħħ ta' sistema awtomatizzata effikaċi qabelxejn teħtieġ li kull pubblikazzjoni mitbugħa jingħatalha numru ta' identifikazzjoni uniku u sempliċi.

Is-sistema li ssodisfat din il-ħtieġa u li saret magħrufa bħala s-sistema Internazzjonali tan-Numerazzjoni Standard tal-Kotba (ISBN) tfasslet abbażi tas-sistema tan-numerazzjoni tal-kotba li kienet iddaħħlet fis-seħħ fir-Renju Unit fl-1967 minn J. Whitaker & Sons Ltd u fl-Istati Uniti fl-1968 minn R. R. Bowker.

Fl-istess żmien il-Kumitat Tekniku 46 dwar l-Informazzjoni u d-Dokumentazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) waqqaf grupp ta' ħidma biex jistħarreġ jekk is-sistema Brittanika setgħetx tiġi adattata għall-użu internazzjonali.

Matul l-1968 u l-1969 saru diversi laqgħat bejn rappreżentanti ta' diversi pajjiżi tal-Ewropa u tal-Istati Uniti u mbagħad tqassam rapport lill-pajjiżi membri tal-ISO kollha.

Wara dawn il-laqgħat in-Numru Internazzjonali Standard tal-Ktieb (ISBN) ġie approvat fl-1970 bħala standard ISO 2108[1]. Fl-1992 it-tielet edizzjoni ta' dan l-istandard ħa post dak tat-tieni edizzjoni tal-1978.

Dan l-istandard internazzjonali għandu l-għan ewlieni li jikkordina u jistandardizza l-użu internazzjonali tal-ISBN ħalli jidentifika b'mod uniku kwalunkwe pubblikazzjoni jew edizzjoni ta' pubblikazzjoni maħruġa minn pubblikatur speċifiku f'format jew ieħor.

L-istandard oriġinali ġie rrivedut malli kotba u materjal stampat simili bdew jidhru fis-suq f'għamliet ta' midja ġodda. Ilum din is-sistema tintuża f'iżjed minn 160 pajjiż.

[1] Jista' jinkiseb mill-awtoritajiet nazzjonali tal-istandards.

Fl-2001 twaqqaf grupp ta' ħidma biex jirrevedi l-istandard u jfassal ir-raba' edizzjoni tiegħu. Il-grupp żied it-tul tal-ISBN minn 10 għal 13-il numru billi inkorpora l-prefiss ta' tliet numri mogħti mill-GS1 (qabel magħruf bħala EAN International and the Uniform Code Council). B'hekk żdiedet il-kapaċità numerika tas-sistema biex saret kumpatibbli bis-sħiħ mal-GS1 GTIN-13 (ara t-Taqsima 11). Il-verżjoni l-ġdida tal-istandard speċifikat ukoll il-metadata li għandha tingħata waqt l-allokazzjoni tal-ISBN, żviluppat ir-regoli tal-amministrazzjoni u l-governanza tas-sistema u speċifikat l-awtorità responsabbli mir-reġistrazzjoni tal-istandard.

Dan il-manwal jispjega kif taħdem din is-sistema u l-passi meħtieġa li għandhom jittieħdu biex tkun żgurata l-allokazzjoni korretta tal-ISBNs. Jagħti wkoll gwida partikulari dwar l-allokazzjoni tal-ISBNs għall-pubblikazzjonijiet diġitali.

## 2. Il-Benefiċċji tal-ISBN

- L-ISBN huwa numru internazzjonali li jidentifika l-pubblikazzjonijiet monografiċi. Is-sistema tal-allokazzjoni ta' numru tiegħu post il-ġestjoni ta' reġistri bibljografiċi b'deskrizzjonijiet twal ħafna, u b'hekk il-pubblikaturi jiffrankaw il-ħin u l-ispejjeż tal-persunal u jitnaqqsu l-iżbalji tal-ikkuppjar.

- L-użu korrett tal-ISBN jippermetti li ssir distinzjoni ċara bejn l-għamliet u l-edizzjonijiet differenti ta' ktieb, kemm jekk stampati u kemm jekk diġitali, sabiex ikun żgurat li l-klijenti jirċievu l-verżjoni li jkunu ordnaw.

- L-ISBN iħaffef il-kumpilazzjoni u l-aġġornar tad-direttorji tas-swieq tal-kotba u tal-bażijiet tad-data bibljografiċi bħall-katalgi ta' kotba disponibbli fis-suq. Għaldaqstant ikun iżjed faċli jinstab tagħrif dwar il-kotba li jkunu għadhom jistgħu jinxtraw.

- L-ordnijiet u d-distribuzzjoni tal-kotba fil-biċċa l-kbira jsiru bl-ISBN. Dan il-metodu huwa rapidu u effikaċi ħafna.

- L-ISBN jinqara mill-magni fil-format ta' kodiċi bl-iżbarri EAN bi 13-il ċifra. Dan il-proċess isir malajr u jevita l-iżbalji.

- L-ISBN huwa meħtieġ għall-ġestjoni tal-bejgħ tal-kotba fil-ħwienet.

- Bosta sistemi fil-katina tal-pubblikazzjoni u tad-distribuzzjoni huma bbażati fuq l-ISBN.

- L-akkumulazzjoni tad-data dwar il-bejgħ issir bl-ISBN ukoll. Dan jippermetti li jsir monitoraġġ fuq is-suċċessi varji ta' għamliet u edizzjonijiet differenti ta' prodott partikulari. Jagħmel possibbli wkoll il-paraguni bejn oqsma ta' suġġetti differenti u saħansitra bejn djar tal-pubblikazzjoni differenti.

- F'xi pajjiżi d-dritt nazzjonali tas-self tal-kotba huwa bbażat fuq l-ISBN. Skemi bħal dawn jippermettu li l-awturi u l-illustraturi jirċievu ħlasijiet skont l-għadd ta' drabi li n-nies jissellfu l-kotba tagħhom mil-libreriji pubbliċi.

## 3. Il-Funzjoni u l-Għan tal-ISBN

In-Numru Internazzjonali Standard tal-Ktieb, li llum huwa magħruf f'iżjed minn 160 pajjiż, huwa identifikatur qasir u ċar li jista' jinqara mill-magni. L-ISBN jidentifika pubblikazzjoni monografika partikulari b'mod uniku u għaldaqstant dan għandu jkun assoċjat magħha sa mill-ewwel stadji tal-pubblikazzjoni. Għas-settur tal-kotba dan huwa strument essenzjali fil-produzzjoni, fid-distribuzzjoni, fl-analiżi tal-bejgħ u fis-sistemi tal-ħżin tad-data bibljografika. Għandu wkoll importanza vitali fil-ġestjoni tat-tagħrif bibljografiku għal-libreriji.

Madankollu, meta prodott partikulari jkun jappartieni lil xi sistema numerika speċifika oħra (bħal riżorsi kontinwi li jidhru b'mod suċċessiv jew b'mod kumplimentari li jikkwalifikaw għall-ISSN, u l-mużika stampata li tikkwalifika għall-ISSN), għandha tibqa' tintuża s-sistema applikabbli. Dejjem jekk ikun xieraq, identifikaturi bħal dawn għandhom jintużaw flimkien mal-ISBN. It-Taqsima 12 tagħti iżjed tagħrif dwar tipi ta' identifikaturi oħrajn.

L-ISBNs jiġu allokati lil pubblikazzjonijiet monografiċi u lil prodotti relatati bħal pubblikazzjonijiet disponibbli f'settijiet jew f'sensiliet kompluti disponibbli għall-pubbliku, kemm jekk dawn il-pubblikazzjonijiet jew prodotti simili jingħataw b'xejn u kemm jekk ikunu għall-bejgħ. Barra dan, taqsimiet individwali (bħal kapitli) ta' pubblikazzjonijiet monografiċi jew ħarġiet jew artikli ta' riżorsi kontinwi li jkunu disponibbli b'mod separat jistgħu jużaw ukoll l-ISBN bħala identifikatur. Kemm-il darba l-pubblikazzjoni inkwistjoni tkun tikkwalifika għall-allokazzjoni ta' ISBN, l-għamla fiżika tad-dokumentazzjoni u tad-distribuzzjoni tal-kontenut tagħha ma jkunux fatturi importanti.

Eżempji ta' tipi ta' pubblikazzjonijiet monografiċi li **għandu** jingħatawlhom ISBN:

- Kotba stampati u pamphlets
- Pubblikazzjonijiet bis-sistema Braille
- Pubblikazzjonijiet li l-pubblikatur tagħhom ma jkollux ħsieb jaġġornahom b'mod regolari jew ikomplihom tul żmien indefinit
- Artikli individwali[2] jew ħarġiet ta' riżorsa kontinwa partikulari (iżda mhux ir-riżorsa kontinwa kollha)
- Mapep
- Films, videos u folji trasparenti edukattivi/istruttivi
- Kotba rreġistrati fuq tejp jew CD jew DVD (awdjokotba)
- Pubblikazzjonijiet elettroniċi maħżuna fuq mezzi fiżiċi (bħal tejps li jinqraw mill-magni, disketti jew CD-ROMs) jew fuq l-internet (għat-tniżżil jew għall-istreaming)
- Kopji diġitalizzati ta' pubblikazzjonijiet monografiċi stampati
- Pubblikazzjonijiet fuq mikroforma
- Software edukattiv jew istruttiv
- Pubblikazzjonijiet multimedjali (meta l-kontenut ewlieni tagħhom tkun il-kitba)

Xi eżempji ta' tipi ta' materjal li **m'għandux** jingħatalhom ISBN:

- Riżorsi kontinwi[3] li fis-sħuħija tagħhom jitqiesu bħala entitajiet bibljografiċi (ħarġiet individwali jistgħu jkunu eliġibbli għall-ISBNs)
- Entitajiet astratti[4] bħal xogħlijiet testwali u kreazzjonijiet astratti oħrajn b'kontenut intellettwali jew artistiku
- Materjal stampat ta' natura effimera bħal dokumenti pubbliċitarji u dokumenti simili
- Mużika stampata
- Riproduzzjonijiet ta' xogħlijiet artistiċi u folders artistiċi bla frontispizju u bla ebda test
- Dokumenti personali (bħal CVs jew profili personali elettroniċi)
- Kartolini tal-awguri

[2] Meta l-artikli jitqegħdu fis-suq mill-pubblikatur b'mod separat dawn jitqiesu bħala pubblikazzjonijiet monografiċi u għaldaqstant għandu jingħatalhom ISBN. Dan ma japplikax fil-każ ta kopji offprint jew preprint li jkunu ordnati mill-awtur(i) tal-artiklu għal fini ta' distribuzzjoni.

[3] Pubblikazzjoni li tinħareġ minn żmien għal żmien bla konklużjoni stabbilita. Pubblikazzjonijiet bħal dawn is-soltu jinħarġu f'ħarġiet suċċessivi jew kumplimentari li ġeneralment ikollhom identifikaturi numeriċi u/jew kronoloġiċi. Eżempji tipiċi jinkludu sensiliet bħal gazzetti, perjodiċi, ġurnali, rivisti eċċ., u r-riżorsi kumplimentari bħal aġġornamenti ta' pubblikazzjonijiet bla legatura u l-aġġornamenti ta' siti elettroniċi.

[4] Pereżempju, kull forma diferenti tar-rumanz *The Old Man and the Sea* huwa eliġibbli għall-għoti ta' ISBN, iżda r-rumanz innifsu, bħala xogħol testwali astratt, m'għandux jingħata ISBN.

- Reġistrazzjonijiet mużikali
- Software bla għanijiet edukattivi jew istruttivi
- Tabelli elettroniċi
- Posta elettronika jew kwalunkwe korrispondenza elettronika oħra
- Logħob

Meta prodott eliġibbli għall-għoti ta' ISBN jitqiegħed fis-suq flimkien ma' oġġett li ma jkunx eliġibbli, għandu jintuża ISBN li jidentifika ż-żewġ prodotti flimkien kif ukoll ISBN ieħor li jidentifika l-prodott eliġibbli jekk dan ikun disponibbli wkoll b'mod separat. Madankollu, ġaladarba dan ma jaqax fl-ambitu tal-ISBN, m'għandu jintuża l-ebda ISBN li jidentifika t-tieni prodott jekk dan ikun disponibbli b'mod separat ukoll.

Ċerti indikaturi, bħall-ISSN u l-ISMN, għandhom regoli preċiżi rigward l-iskop tat-tipi ta' materjal li huma eliġibbli għall-għoti filwaqt li ċerti indikaturi oħrajn, bħall-GTIN-13 għall-oġġetti kummerċjali, jistgħu jintużaw għal firxa kbira ħafna ta' prodotti.

Ġaladarba l-ISBN issa huwa kumpatibbli bis-sħiħ mal-GTIN-13 il-bejjiegħa jistgħu jbiegħu b'mod iżjed faċli prodotti b'interess simili li ma jkunux eliġibbli għall-ISBN u li minflok jużaw l-GTIN-13 bla ma jkollhom jadattaw is-sistemi tagħhom.

Biex tikseb iżjed tagħrif jew kjarifika dwar jekk tip ta' prodott partikulari jkunx jikkwalifika għall-ISBN ikkuntattja lill-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN lokali tiegħek. Għal iżjed tagħrif dwar tipi oħrajn ta' identifikaturi u l-applikabbiltà tagħhom ara t-Taqsima 12 (L-ISBN u Identifikaturi Oħrajn).

# 4. L-Istruttura tal-ISBN

Mill-1 ta' Jannar 2007 l-aġenzija nazzjonali tal-ISBN bdiet tagħti biss ISBN bi 13-il ċifra b'dawn l-elementi:

- Il-prefiss
- In-numru tal-identifikazzjoni tal-grupp
- In-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur
- In-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikazzjoni

- Iċ-ċifra tal-kontroll

ISBN stampat dejjem ikun ippreċedut mill-ittri “ISBN”.

*Nota:* F’pajjiżi fejn ma jintużax l-alfabett Latin tista’ tintuża taqsira bil-karattri tal-kitba lokali **flimkien** mal-ittri Latini “ISBN”.

L-ISBN jinqasam f’ħames elementi. Tlieta minnhom ivarjaw fit-tul mentri l-ewwel u l-aħħar elementi jkollhom tul fiss. Kull element għandu jkun separat b’mod ċar b’sing jew spazji meta jintwera f’format li jinqara mill-bniedem:

ISBN 978-0-571-08989-5
jew
ISBN 978 0 571 08989 5

*Nota:* Is-sing jew l-ispazji m’għandhom l-ebda tifsira lessikali u jintużaw biss biex iħaffu l-qari.

L-għadd ta’ numri fit-tieni, fit-tielet u fir-raba’ parti tal-ISBN (in-numru tal-identifikazzjoni tal-grupp, in-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur, in-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikazzjoni) ivarja. It-tul tan-numru tal-identifikazzjoni tal-grupp u tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur jiġi stabbilit skont l-għadd ta’ kopji li l-pubblikatur jew il-grupp ta’ pubblikaturi ikunu qegħdin ibassru li jistampaw. Meta dawn l-elementi jkunu qosra jkun ifisser li l-grupp ta’ pubblikaturi jew il-pubblikatur (jew it-tnejn) ikunu qed jantiċipaw li jistampaw għadd kbir ta’ kopji.

## 4.1 Il-prefiss

L-ewwel element tal-ISBN huwa numru bi tliet ċifri li kien sar disponibbli mill-GS1 (qabel magħruf bħala l-EAN International). Il-prefissi li kienu diġà saru disponibbli mill-GS1 huma 978 u 979. B’danakollu fil-ġejjieni jistgħu jinħarġu prefissi ġodda biex tkun żgurata l-kapaċità kontinwa tas-sistema tal-ISBN.

EŻEMPJU: **978**

## 4.2 In-numru tal-identifikazzjoni tal-grupp

It-tieni parti tal-ISBN tidentifika l-pajjiż, ir-reġjun ġeografiku jew iż-żona lingwistika li jipparteċipaw fis-sistema tal-ISBN. Uħud mill-membri tas-sistema tal-ISBN jifformaw żoni lingwistiċi (eż. grupp numru 3 = grupp lingwistiku Ġermaniż fi ħdan il-prefiss 978). Oħrajn jiffurmaw unitajiet reġjonali (eż. tal-grupp numru 982 = in-Nofsinhar tal-Paċifiku fi ħdan il-prefiss 978). It-tul ta' dan l-element ivarja iżda qatt ma jkun itwal minn 5 numri.

In-numri tar-reġistrazzjoni tal-grupp jingħataw mill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN.

EŻEMPJU: **978-0**

## 4.3 In-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur

It-tielet parti tal-ISBN tidentifika pubblikatur jew indirizz bibljografiku speċifiku fi ħdan grupp partikulari. It-tul ta' dan l-element ivarja b'mod dirett skont il-produzzjoni antiċipata mill-pubblikatur u jista' jinkludi sa 7 ċifri. Il-pubblikaturi bl-akbar għadd mistenni ta' pubblikazzjonijiet jingħataw l-iqsar elementi tar-reġistrazzjoni u viċeversa.

Il-pubblikaturi potenzjali japplikaw għand l-aġenzija tal-grupp tal-ISBN responsabbli mill-ġestjoni tas-sistema tal-ISBN fil-pajjiż, fir-reġjun jew fil-grupp lingwistiku fejn ikunu bbażati sabiex jinħarġulhom elementi ta' identifikazzjoni uniċi. Meta l-allokazzjoni inizjali tal-ISBNs relatata man-numru tal-identifikazzjoni tagħhom tiġi eżawrita, dawn jistgħu jingħataw elementi ta' identifikazzjoni addizzjonali ħalli jkunu jistgħu jinħarġu aktar ISBNs.

EŻEMPJU: **978-0-11**

## 4.4 In-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikazzjoni

Ir-raba' parti tal-ISBN tidentifika edizzjoni speċifika ta' pubblikazzjoni minn pubblikatur partikulari. L-għadd ta' ċifri ta' dan l-element ivarja b'mod dirett skont il-produzzjoni antiċipata mill-pubblikatur inkwistjoni u jista' jinkludi sa 6 ċifri. Il-pubblikaturi bl-akbar għadd mistenni ta' pubblikazzjonijiet jingħataw l-itwal elementi ta' identifikazzjoni u viċeversa. Biex it-tul korrett tal-ISBN żgur jinżamm, l-ispazji vojta jiġu rrappreżentati b'żerijiet imdaħħlin mix-xellug.

EŻEMPJU: **978-0-11-000222**

### 4.5 Il-kodiċi tal-kontroll

Il-ħames parti tal-ISBN huwa ċ-ċifra tal-kontroll. Il-kalkolu ta’ din iċ-ċifra jsir bil-formula ta' Luhn (mod 10). (Ara l-Appendiċi 1 għall-metodu tal-kalkolu jew ikkuntattja lill-aġenzija tal-ISBN lokali tiegħek).

## 5. L-Applikazzjoni tal-ISBN

### 5.1 B’mod ġenerali

Għandu jinħareġ ISBN separat għal kull pubblikazzjoni monografika separata jew edizzjoni separata jew format ta’ pubblikazzjoni monografika maħruġa mill-pubblikatur. Għandu jinħareġ ISBN separat ukoll għal kull edizzjoni ta’ pubblikazzjoni monografika li tiġi ppubblikata b’lingwa differenti.

### 5.2 Bidliet fil-pubblikazzjonijiet

Għandu jinħareġ ISBN separat jekk ikunu saru bidliet sinifikanti fi kwalunkwe parti jew partijiet tal-pubblikazzjoni. Għandu jinħareġ ukoll ISBN separat jekk tkun saret xi bidla fit-titlu u/jew fis-sottotitlu tal-pubblikazzjoni. Pubblikazzjonijiet monografiċi li jkunu sarulhom xi bidliet fid-disinn jew fil-kulur tal-qoxra jew fil-prezz m’għandux jinħarġilhom ISBN separat. Dan jgħodd ukoll jekk f’xi edizzjoni jkunu saru xi bidliet żgħar bħal tiswijiet ortografiċi fi żbalji tal-istampa.

### 5.3 Riproduzzjonijiet facsimile

Għandu jinħareġ ISBN separat lil riproduzzjonijiet facsimile meta dawn ikunu ppubblikati minn pubblikatur ieħor jew ippubblikati mill-ġdid b’indirizz bibljografiku differenti. Għandu jinħareġ ISBN separat ukoll jekk l-istess pubblikazzjoni titpoġġa fis-suq mill-istess pubblikatur b’indirizz bibljografiku differenti. Il-kotba li jiġu skennjati u diġitalizzati minn organizzazzjoni differenti mill-pubblikatur oriġinali (pereżempju minn librerija) għandu jinħarġilhom ukoll ISBN separat mill-produttur il-ġdid kemm-il darba dik il-verżjoni skennjata jew diġitalizzata ssir disponibbli għall-pubbliku u ma jkollhiex biss fini purament arkivjali.

## 5.4 Pubblikazzjonijiet f'formats differenti

Kull għamla differenti tal-istess pubblikazzjoni (qoxra iebsa, qoxra ratba, Braille, awdjoktieb, pubblikazzjoni elettronika fuq l-internet) teħtieġ ISBN separat. Fil-każ ta' pubblikazzjonijiet elettroniċi li jsiru disponibbli f'formats differenti, kull format li jkun *disponibbli b'mod separat* għandu jinħariġlu ISBN uniku. (Għal iżjed tagħrif dwar l-identifikazzjoni tal-formats differenti tal-kotba elettroniċi ara t-Taqsima 6.3).

## 5.5 Pubblikazzjonijiet b'paġni sfużi

Għandu jinħareġ ISBN għal pubblikazzjonijiet b'paġni sfużi (loose-leaf) b'natura finita, jiġifieri pubblikazzjonijiet b'paġni sfużi (loose-leaf) li jinħarġu mingħajr l-iskop li jibqgħu jiġu ppubblikati b'mod indefinit.

M'għandu jinħareġ l-ebda ISBN għal pubblikazzjonijiet bħal dawn li jibqgħu jiġu aġġornati b'mod kontinwu (riżorsa integrata) jew għal taqsimiet individwali aġġornati.

## 5.6 Pubblikazzjonijiet f'diversi volumi

Fil-każ ta' pubblikazzjonijiet li jikkonsistu f'iżjed minn volum wieħed għandu jinħareġ ISBN li jkopri s-sett kollu. Meta l-volumi individwali tal-ġabra jkunu disponibbli b'mod separat, għandu jinħareġ ISBN uniku għal kull volum. Il-folja verso tal-paġna tat-titlu (jew il-pożizzjoni ekwivalenti f'verżjoni mhux stampata) għandha turi b'mod ċar l-ISBN tal-ġabra kollha kif ukoll l-ISBN tal-volum individwali.

L-allokazzjoni ta' ISBN separat hija rrakkomandata xorta waħda f'każi ta' pubblikazzjonijiet b'diversi volumi li jkunu disponibbli biss bħala ġabra sħiħa, għax dan jiffaċilita diversi stadji tal-ipproċessar tat-tranżazzjonijiet kummerċjali bħall-ispedizzjoni tal-kotba meta mhux il-volumi kollha jkunu ppubblikati jew imqassmin fl-istess żmien u l-ġestjoni tal-bdil tal-volum f'każi ta' kopji difettużi.

## 5.7 Katalgi ta' kotba li għadhom fl-istampa

Il-pubblikaturi għandhom jinnumeraw il-kotba kollha li jkunu għadhom fl-istampa u jippubblikaw l-ISBN tagħhom f'kull katalgu li jipproduċu, kemm jekk ikunu f'format stampat u

kemm jekk ikunu f'format elettroniku. L-ISBN għandu jidher ukoll fl-ewwel ristampar jew ripubblikazzjoni disponibbli ta' pubblikazzjonijiet bħal dawn.

### 5.8 Pubblikazzjonijiet konġunti

Pubblikazzjoni li toħroġ bħala koedizzjoni ma' pubblikaturi oħrajn is-soltu jinħarġilha ISBN mill-pubblikatur(i) responsabbli mid-distribuzzjoni. Madankollu l-kopubblikaturi jistgħu jallokaw l-ISBN tagħhom u juru kull wieħed minnhom fuq il-paġna li tispeċifika d-drittijiet tal-awtur. F'każi bħal dawn il-kodiċi bl-iżbarri għandu juri ISBN wieħed biss.

### 5.9 Pubblikazzjonijiet mibjugħa jew imqassma mill-aġenti

(Il-punti b u d jgħoddu biss għall-pajjiżi li għadhom ma bdewx jieħdu sehem fis-sistema tal-ISBN.)

a. Bħala regola edizzjoni partikulari ppubblikata minn pubblikatur partikulari tingħata ISBN wieħed biss. Dan l-ISBN għandu jibqa' jinżamm irrispettivament minn fejn il-pubblikazzjoni titqassam jew tinbiegħ u minn min ikun responsabbli minn dawn l-attivitajiet kummerċjali.
b. Pubblikazzjoni li tiġi importata minn distributur esklużiv jew aġent esklużiv minn żona li mhix fis-sistema tal-ISBN u li ma jkollha l-ebda ISBN tista' tingħata ISBN mid-distributur esklużiv.
c. Pubblikazzjonijiet li jiġu importati minn distributur esklużiv jew minn aġent esklużiv bi frontispizju ġdid b'indirizz bibljografiku tad-distributur esklużiv li jieħu post il-frontispizju tal-pubblikatur oriġinali, għandu jinħarġilhom ISBN ġdid mid-distributur jew mill-aġent esklużiv. Għandu jidher ukoll l-ISBN tal-pubblikatur oriġinali.
d. Pubblikazzjoni importata minn bosta distributuri minn żona li mhix fis-sistema tal-ISBN u li għaldaqstant ma jkollha l-ebda ISBN jista' jinħarġilha ISBN mill-aġenzija tal-grupp responsabbli mid-distributuri involuti.

### 5.10 Akkwiżizzjoni ta' dar ta' pubblikazzjoni minn oħra

Pubblikatur li jakkwista dar ta' pubblikazzjoni oħra jista' jibqa' juża l-ISBNs li jkunu baqgħu mhux allokati mil-lista oriġinali. L-aġenzija nazzjonali tal-ISBN responsabbli min-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur għandha tkun mgħarrfa bil-bidla fis-sjieda tal-proprjetà.

## 5.11 Akkwiżizzjoni tal-istokk kollu u tad-drittijiet tal-pubblikazzjoni

Pubblikatur li jakkwista l-istokk kollu u d-drittijiet tal-pubblikazzjoni jista' jkompli juża l-ISBN illi jkun diġà nħareġ qabel sakemm il-kumpanija terġa' tistampa jew terġa' tippubblika l-pubblikazzjoni bl-ISBN tagħha stess.

## 5.12 Pubblikaturi b'diversi postijiet ta' pubblikazzjoni

Pubblikaturi li jaħdmu f'diversi nħawi u li jkunu elenkati flimkien bl-istess indirizz bibljografiku għandhom joħorġu ISBN wieħed biss għal kull pubblikazzjoni.

Pubblikatur li jaħdem f'uffiċċji separati u distinti jew ġo fergħat f'diversi nħawi jista' jkollu numru ta' identifikazzjoni għal kull uffiċċju jew fergħa. Madankollu kull pubblikazzjoni tiegħu għandu jinħarġilha ISBN wieħed biss mill-uffiċċju jew mill-fergħa responsabbli mill-pubblikazzjoni.

## 5.13 Ir-ripertorju tal-ISBNs u l-metadata korrispondenti

Il-pubblikaturi għandhom ir-responsabbiltà li jgħarrfu lill-aġenzija tal-grupp tagħhom jew lill-organizzazzjoni responsabbli mill-aġġornamenti tar-reġistrazzjoni tal-pubblikazzjoni dwar l-ISBNs li jkunu ser jinħarġu għall-pubblikazzjonijiet ġejjiena. L-informazzjoni għandha tal-inqas tinkludi xi elementi tal-metadata (deskrittivi) u għandha tkun kumpatibbli mal-istandards ONIX dwar it-tagħrif bibljografiku miżmuma mill-grupp internazzjonali EDitEUR© u mill-organizzazzjonijiet assoċjati.

| Data | Kummenti | Element(i) ONIX 3 |
|---|---|---|
| ISBN | Fil-format ISBN bi 13-il ċifra bla spazji jew sing | <ProductIdentifier> |
| Għamla tal-prodott | Kodiċi li jindika l-l-mezz tal-pubblikazzjoni u/jew l-format tal-prodott | <ProductComposition><br><ProductForm><br><ProductFormDetail><br><ProductPart> |
| | *Għalkemm dan mhux imsemmi b'mod espliċitu fil-Manwal tal-Utenti tal-ISBN, il-qisien fiżiċi jistgħu jvarjaw ukoll bejn żewġ prodotti fiżiċi bl-istess legatura, tip ta' qoxra jew format.* | <Measure> |
| | *Bl-istess mod, fil-każ ta' prodotti diġitali t-termini tal-liċenzja (limiti tal-użu) jew ir-rekwiżiti tas-sistemi operattivi jistgħu jkunu differenti bejn żewġ prodotti mill-bqija identiċi.* | <ProductFormFeature><br><EpubTechnicalProtection><br><EpubUsageConstraint> |
| Titlu | It-titlu tal-pubblikazzjoni flimkien mas-sottotitlu jew elementi tat-titlu oħrajn fejn applikabbli | <TitleDetail> kompost |
| Sensiela | It-titlu u n-numerazzjoni tas-sensiela fejn applikabbli | <Collection> kompost |
| Kontributur | Il-kodiċi tar-rwol tal-kontributur u l-isem/ismijiet tal-kontributur(i) | <Contributor> kompost [L-identifikatur (ISNI) mhux obbligatorju] |
| Edizzjoni | In-numru tal-edizzjoni (għal edizzjonijiet li joħorġu wara l-ewwel waħda), it-tip u d-dikjarazzjoni | <EditionTypeCode><br><EditionNumber><br><EditionStatement> |
| Lingwa/lingwi tat-test | Jintużaw il-kodiċijiet lingwistiċi ISO 639-2/B | <Language> kompost |
| Indirizz bibljografiku/Imprint | Il-marka kummerċjali li l-pubblikazzjoni tiġi ppubblikata biha | <Imprint> kompost [L-identifikatur (ISNI) mhux obbligatorju] |
| Pubblikatur | Il-persuna jew l-organizzazzjoni li jkollha s-sjieda tal-marka kummerċjali fid-data tal-pubblikazzjoni | <Publisher> kompost [L-identifikatur (ISNI) mhux obbligatorju] |
| | *Għall-prodotti diġitali, ġiet antiċipata wkoll il-possibbiltà li l-ISBNs jiġu allokati minn intermedjarji downstream jekk il-pubblikatur ma jkunx għamel dan.* | <RecordSource… elements |
| Pajjiż tal-pubblikazzjoni | Jintużaw il-kodiċijiet lingwistiċi ISO 3166-1 | <CountryOfPublication> |
| Data tal-pubblikazzjoni | Id-data tal-ewwel pubblikazzjoni bl-ISBN inkwistjoni bil-format ISO 8601 (SSSS-XX-ĠĠ). | <PublishingDate> kompost [L-ONIX tuża format ibbażat fuq l-istandard ISO 8601, SSSSXXĠĠ] |
| ISBN tal-pubblikazzjoni omm | L-ISBN tal-pubblikazzjoni omm li tiġbor fiha lil din il-pubblikazzjoni, fejn applikabbli<br>*Jintuża meta jkun hemm ISBN rreġistrat għal kapitlu jew parti – ara paġna* 6 | <RelatedProduct> kompost<br><RelatedWork> kompost |

Nota: F’xi każi r-rappreżentanza ONIX tas-sett tal-metadata tal-ISBN tuża kompożitu fejn mal-ewwel daqqa t'għajn jkun jidher li element tad-data wieħed ikun biżżejjed jew li din tkun użat valur ikkodifikat fejn kodiċi wieħed biss ikun validu. Dan l-metodu jiżgura li l-metadata tal-ISBN tkun tista’ tiġi speċifikata f’messaġġ ONIX - ISBN Registration li jkun sottosett validu għall-ONIX għall-Kotba attwali (ONIX 3.0). L-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN tforni skema XML kull meta ssir talba għaliha mill-pubblikaturi.

Il-bażijiet tad-data li jikkollegaw l-ISBNs mal-metadata tagħhom (bħal listi ta’ kotba li għadhom fl-istampa, bibljografiji nazzjonali eċċ.) għandhom ikunu disponibbli u aġġornati. L-aġenziji tar-reġistrazzjoni tal-ISBN illi ma jfornux servizzi ta’ elenki bibljografiċi bħal dawn xorta waħda jibqgħu responsabbli li jaħdmu flimkien ma’ fornituri li jipprovdu dawn is-servizzi sabiex jiżguraw l-aċċessibbiltà għal dawn is-servizzi. L-aġenziji tar-reġistrazzjoni tal-ISBN u l-pubblikaturi ta’ bażijiet tad-data bibljografiċi jistgħu jitolbu tariffa mill-konsumaturi li jitolbuhom aċċess għal din l-informazzjoni.

### 5.14 ISBN ma jintuża qatt iżjed minn darba

Ġaladarba jinħareġ għal pubblikazzjoni monografika, ISBN ma jista’ qatt jerġa’ jintuża biex jidentifika pubblikazzjoni monografika oħra. Dan jibqa’ jgħodd ukoll meta jinħareġ ISBN bi żball. Il-pubblikaturi li jindunaw li jkunu ngħataw ISBN bi żball għandhom iħassru dan in-numru mil-lista tan-numri użabbli. F’dan il-każ il-pubblikaturi għandhom ukoll jirrapportaw l-ISBN żbaljat għand l-aġenzija tal-ISBN tagħhom.

## 6. L-allokazzjoni tal-ISBN għal Pubblikazzjonijiet Elettroniċi u għal Software

### 6.1 L-ISBNs għal pubblikazzjonijiet elettroniċi eliġibbli

Pubblikazzjoni li tkun disponibbli b’mod elettroniku (eż. ktieb elettroniku, applikazzjoni tal-kotba elettroniċi, CD-ROM jew pubblikazzjoni fuq l-internet) tkun eliġibbli għal ISBN kemm-il darba jkun fiha t-test u tkun disponibbli għall-pubbliku u sakemm il-pubblikatur ma jkollu l-ebda ħsieb li jippubblikaha bħala riżorsa kontinwa. Pubblikazzjonijiet bħal dawn jistgħu jinkludu wkoll stampi u fajls mużikali.

Dawn it-tipi ta' pubblikazzjonijiet elettroniċi **m'għandux** jinħarġilhom ISBN:

- Pubblikazzjonijiet li jsirulhom aġġornamenti frekwenti li jippermettu aċċess immedjat għall-aġġornamenti, bħal bażijiet tad-data fuq l-internet
- Siti elettroniċi
- Materjal promozzjonali u pubbliċitarju
- Tabelli
- Emails u korrispondenza elettronika oħra
- Magni tat-tiftix
- Logħob
- Dokumenti personali (bħal CVs jew profili personali elettroniċi)
- Pjanifikaturi/djarji

### 6.2 L-ISBNs għal prodotti ta' software eliġibbli

Jista' jintuża ISBN biex jidentifika prodott ta' software speċifiku b'finijiet edukattivi u/jew istruttivi bħal prodott ta' taħriġ imħaddem bil-kompjuter. Dawn il-prodotti jinħarġilhom ISBN biss kemm-il darba ma jkunux jistgħu jiġu ppersonalizzati u ma jkunux jeħtieġu data biex jaħdmu.

Il-prodotti tas-software kollha l-oħra (eż. logħob tal-kompjuter) m'għandux jingħatalhom ISBN.

### 6.3 L-allokazzjoni tal-ISBN għal pubblikazzjonijiet elettroniċi u għal software

Sabiex kull parti involuta fil-katina tal-provvista tkun tista' tidentifika l-pubblikazzjonijiet jenħtieġ li dawn jinħarġulhom ISBNs separati.

L-ISBN huwa identifikatur ta' pubblikazzjonijiet monografiċi (kotba) u prodotti relatati li jkunu disponibbli għall-pubbliku. L-ISBNs m'għandhomx jintużaw biex jidentifikaw fajls li jgħaddu minn id għal id bejn il-pubblikaturi u l-kompożituri tipografiċi jew servizzi li jikkonvertu l-kotba f'formats elettroniċi. M'għandhomx jintużaw lanqas biex jidentifikaw entitajiet astratti bħal xogħlijiet testwali (kontenut).

Importanti li ssir distinzjoni bejn il-każ ta' "prodotti" differenti li jeħtieġu ISBNs differenti u l-każ fejn DRMs differenti jew drittijiet tal-użu differenti jiġu inklużi mal-prodott inkwistjoni matul it-tranżazzjoni bejn il-bejjiegħ u l-konsumatur. Din id-distinzjoni mhux dejjem tkun daqstant ovvja. Importanti li nżommu f'moħħna l-ħtieġa ta' ISBNs separati sabiex nevitaw l-ambigwità li tista' tirriżulta fil-katina kummerċjali f'każi ta' prodotti multipli u ta' partijiet multipli.

Jenħtieġ li l-konsumaturi jkunu jafu a) jekk l-ktieb elettroniku li jkunu qed jixtru jkunx jaħdem fuq il-magna jew is-software tagħhom u b) x'jistgħu jagħmlu bih (eż. jikkopjawh, jistampawh, jisilfuh, sinteżi vokali eċċetera). Is-soltu dan ikun stabbilit mill-format tal-fajl u mis-software magħruf bħala Digital Rights Management (DRM) li jikkontrolla, b'mezzi tekniċi, l-użu li jista' jsir mill-ktieb elettroniku. L-allokazzjoni ta' ISBNs separati tiffaċilita kemm il-ġestjoni, it-tqassim u t-tiftix ta' din l-informazzjoni u kemm il-provvista tal-verżjoni xierqa tal-ktieb elettroniku.

- Meta ktieb elettroniku speċfiku jkun disponibbli f'diversi formats, kull format li jkun ippubblikat u disponibbli b'mod separat għandu jingħata ISBN uniku.

  ***N.B.*** *Format ta' fajl huwa l-mod speċifiku li bih issir il-kodifikazzjoni elettronika tal-informazzjoni biex tinħażen ġo fajl diġitali. Fil-każ tal-kotba elettroniċi l-format tal-fajl spiss ikun kumbinazzjoni ta' tip ta' fajl prinċipali (bħal EPUB, .pdf eċċetera) flimkien mal-ġestjoni tas-software tad-drittijiet diġitali (bħal-Adobe, il-Fairplay tal-Apple eċċ.).*

- Meta jintużaw DRM proprjetarji li jorbtu verżjoni partikulari ma' pjattaforma, magna jew software speċifiku, għandu jintuża ISBN għal kull verżjoni.

- Meta pubblikazzjonijiet diġitali jiġu fornuti minn bejjiegħ li jkun il-fornitur esklużiv ta' kotba elettroniċi f'format proprjetarju li jista' jinxtara biss mis-siti elettroniċi tiegħu (eż. Amazon Kindle, l-i-books tal-Apple) u dak il-bejjiegħ ma jkollux bżonn ISBNs, ma jkunx meħtieġ li jinħareġ ISBN għal dawk il-verżjonijiet. Madankollu l-allokazzjoni ta' ISBN tista' tkun xorta utli biex jiġi ttraċċat il-bejgħ tal-prodotti jew biex dawn jiddaħħlu fil-listi ta' pubblikazzjonijiet f'bażijiet tad-data ta' kotba elettroniċi disponibbli miżmuma minn partijiet terzi. Kull ISBN li jinħareġ għal pubblikazzjonijiet bħal dawn għandu jkun uniku għal verżjoni inkwistjoni.

- Jista' jinħareġ ISBN ġdid għal kotba li f'ċerti ċirkustanzi jiġu diġitalizzati minn librerija jew minn xi organizzazzjoni oħra. Jekk il-verżjoni ssir disponibbli għall-pubbliku u

titqies bħala prodott ġdid, din il-pubblikazzjoni għandha tkun identifikata b'ISBN ġdid, sew jekk tintalab tariffa għall-aċċess għall-verżjoni diġitalizzata u sew jekk ma tintalabx.

- Meta pubblikazzjoni tkun disponibbli fil-katina tal-provvista b'iżjed minn tip speċifiku wieħed ta' DRM, kemm jekk titpoġġa fis-suq mill-ewwel mill-pubblikatur oriġinali u kemm jekk titpoġġa fis-suq iżjed tard minn bejjiegħ, kull wieħed minn dawn il-prodotti uniċi għandu jkun identifikat b'ISBN uniku.

  Eżempju 1: *Pubblikatur jipproduċi żewġ verżjonijiet EPUB tal-istess ktieb. Kull verżjoni jkollha DRMs differenti u titqassam fil-katina tal-provvista permezz ta' intermedjarji differenti. F'dan il-każ ikun jenħtieġ l-allokazzjoni ta' ISBN għal kull verżjoni tal-prodott b'DRMs speċifiċi.*

  Eżempju 2: *Pubblikatur jipproduċi fajl fil-format EPUB u jgħaddih lil bejjiegħ li japplikalu żewġ tipi differenti ta' DRMs għall-verżjoni EPUB u jpoġġi fis-suq dawn iż-żewġ verżjonijiet b'mod separat bħala żewġ prodotti distinti. F'dan il-każ ikun jenħtieġ l-allokazzjoni ta' ISBN għal kull verżjoni tal-prodott b'DRMs speċifiċi. L-ISBN jista' jinħareġ mill-pubblikatur jew mill-bejjiegħ jekk il-pubblikatur ma jkunx diġà għamel dan.*

  Example 3: *Bejjiegħ joffri lill-pubbliku l-possibbiltà li jixtri ktieb elettroniku u li jippersonalizza skont il-preferenzi tiegħu t-tip ta' DRM li jrid. F'dan il-każ, ġaladarba ma jkun hemm l-ebda ambigwità fid-djalogu bejn il-bejjiegħ u x-xerrej, id-DRM jiġi applikat matul it-tranżazzjoni nfisha u ma jkunx hemm il-ħtieġa li jiġu allokati ISBNs differenti.*

- Jekk pubblikazzjoni ssir disponibbli b'jeddijiet ta' użu differenti (eż. l-adattament tal-permessi tal-użu ħalli tkun tista' tiġi stampata f'każ iżda mhux f'ieħor), għandu jinħareġ ISBN uniku għal kull verżjoni. Fil-biċċa l-kbira tal-każi l-jeddijiet tal-użu jiġu kkontrollati permezz tal-parametri tas-software tad-DRM.

  *Eżempju 4: Pubblikatur joħroġ pubblikazzjoni — verżjoni waħda tkun disponibbli b'funzjonijiet ta' aċċessibbiltà bħas-sinteżi vokali (ikkontrollati mis-software tad-DRM) u verżjoni oħra mingħajr dawn il-funzjonijiet. F'dan il-każ kull verżjoni għandu jkollha ISBN uniku biex l-karatteristiċi tekniċi jkunu ċari għax-xerrejja u għall-utenti*

*potenzjali (speċjalment għal dawk li jkunu qegħdin ifittxu pubblikazzjonijiet aċċessibbli) u biex iż-żewġ verżjonijiet ikunu jistgħu jiġu identifikati b'mod separat.*

B'danakollu, anke f'dan il-każ, meta l-jeddijiet tal-użu jiġu stabbiliti matul it-tranżazzjoni li ssir bejn il-bejjiegħ u l-utent, ma jkunx hemm bżonn jinħarġu ISBNs separati.

*Eżempju 5: Pubblikatur joħroġ pubblikazzjoni f'format partikulari b'ISBN u mbagħad joffri lill-klijenti servizz li jippermettilhom jiksbu d-drittijiet ta' użu li jippreferu. Bħall-każ tal-eżempju 3, f'dan ix-xenarju ma jkunx hemm bżonn jinħarġu ISBNs separati biex jidentifikaw kull tranżazzjoni personalizzata.*

- Jekk il-pubblikaturi jkunu qed jużaw is-servizzi ta' intermedjarji biex jiġġeneraw formats differenti tal-kotba elettroniċi tagħhom, għandhom joħorġu ISBNs separati għall-intermedjarji biex jiġu allokati għal kull format inkwistjoni.

  (N.B. Il-metodu msemmi f'dan il-paragrafu mhuwiex is-soluzzjoni ideali u għandu jintuża biss f'każi meta l-pubblikatur jirrifjuta li jalloka ISBN individwali għal kull prodott. Jekk il-pubblikatur ma jipprovdix ISBNs lill-intermedjarji għal kull format separat, l-intermedjarji jkunu jistgħu jużaw l-ISBNs tagħhom stess. Għal din il-fini l-aġenziji tal-ISBN joħorġu l-elementi tar-reġistrazzjoni tal-ISBN għall-intermedjarji. F'dan il-każ l-ISBN u l-metadata relatata għandhom jintbagħtu lill-pubblikatur u lill-aġenzija nazzjonali tal-ISBN u lil aġenziji bibljografiċi oħrajn.

- Għadd ta' applikazzjonijiet ikunu għadhom fl-istadji ta' żvilupp u jiddependu bil-kbir minn identifikazzjoni bla ebda ambigwità. Għalkemm dawn ma jkunux jistgħu jitħaddmu bis-sħiħ, l-effikaċja tagħhom xorta tibqa' tiddependi minn identifikazzjoni ċara ta' prodotti individwali u minn metadata tabilħaqq preċiża. Eżempju tajjeb ta' dan hija pjattaforma maħsuba biex tagħti informazzjoni dwar liema verżjonijiet ikunu aċċessibbli. Sabiex jiġu ssodsifati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-utenti huwa essenzjali li pubblikazzjonijiet differenti li jkollhom karatteristiċi ta' aċċessibbiltà individwali jkunu identifikati u ddifferenzjati b'mod ċar. Bis-saħħa tal-identifikazzjoni ċara u preċiża li joffri ISBN separat l-utent iseħħlu jsib l-iżjed verżjoni xierqa li taqdih bis-sħiħ.

- L-ISBN jista' jkopri żewġ oġġetti jew iktar inklużi f'pakkett ta' prodott ta' software u l-manwali tekniċi rispettivi tiegħu kemm-il darba l-manwali jkunu meħtieġa biex jitħaddem is-software u jkunu utli biss għat-tħaddim tas-software inkwistjoni.

## 7. L-ISBNs għal Pubblikazzjonijiet Stampati on-Demand

Għall-finijiet ta' allokazzjoni tal-ISBNs, is-sistema print on demand hija sempliċement forma ta' teknoloġija tal-istampar.

Pubblikazzjoni print on demand tiġi stampata u llegata wara li ssir ordni speċifika mill-konsumatur. Ordnijiet bħal dawn spiss ikunu kopji waħdanin ta' pubblikazzjonijiet li mill-bqija jkollhom jiġu ddikkjarati barra mill-istampa (out of print) peress li l-istampar normali tagħhom ma jħalli l-ebda qliegħ.

Għandu jinħareġ ISBN ġdid jekk il-verżjoni on-demand tal-pubblikazzjoni tkun f'format differenti mill-verżjoni normali li tkun ġiet ippubblikata qabel (eż. jekk kopja b'qoxra iebsa (hardback) issir b'qoxra ratba (paperback). Dan jgħodd ukoll għal kull bidla li ssir fl-għamla tal-prodott. Pubblikazzjonijiet bħal dawn li jsirulhom bidliet żgħar fil-qisien tal-paġni biex isiru konformi mal-magni tal-istampar on-demand ma jeħtiġux ISBN ġdid.

Verżjoni personalizzata ta' pubblikazzjoni b'disponibbiltà limitata li tiġi stampata on-demand b'kontenut magħżul mill-klijent u mhux mill-pubblikatur m'għandhiex tingħata ISBN.

## 8. Fejn jiġi stampat u fejn għandu jidher l-ISBN

### 8.1 Ġenerali

L-ISBN għandu jidher fuq il-prodott stess.

Fil-każ tal-pubblikazzjonijiet stampati l-ISBN għandu jidher fuq:

- il-folja tal-verso tal-frontispizju (il-paġna tad-drittijiet tal-awtur)
- il-qiegħ tal-frontispizju, jekk ma jkunx hemm spazju biżżejjed fuq il-folja tal-verso tal-frontispizju
- il-parti t'isfel tal-qoxra tan-naħa ta' barra

- il-qiegħ tan-naħa ta' wara tal-kopertina jew fuq kwalunkwe kaxxa għall-protezzjoni jew fuq il-materjal li jkunu mgeżwrin fih

Fil-każ tal-pubblikazzjonijiet elettroniċi l-ISBN għandu jidher fuq:

- il-paġna tat-titlu, l-ewwel messaġġ li jidher (CDs, pubblikazzjonijiet fuq l-internet) jew fuq skrin li juri t-titlu jew l-ekwivalenti tiegħu (eż. l-iskrin inizjali li jidher tul l-ewwel aċċess għall-kontenut u/jew fuq l-iskrin li juri d-dettalji tad-drittijiet tal-awtur

Fil-każ ta' films, videos u folji trasparenti edukattivi/istruttivi l-ISBN għandu jidher fuq:

- il-lista ta' kull min ħadem fil-prodott (credits)

Jekk il-pubblikazzjoni titpoġġa fis-suq f'kontenitur li jkun parti integrali minnha (eż. CD, tejp jew diskett) l-ISBN għandu jidher fuq waħda mit-tikketti inklużi mal-kontenitur. Jekk ma jkunx possibbli li l-ISBN jidher fuq il-kontenitur jew fuq it-tikketta l-ISBN għandu jidher fil-qiegħ tan-naħa ta' wara ta' kull materjal permanenti użat biex jippakkja l-kontenitur (eż. il-kaxxa, il-qoxra, il-frejm).

Il-formats differenti ta' pubblikazzjoni elettronika għandu jingħatalhom ISBN uniku kemm-il darba jitpoġġew fis-suq b'mod separat. Pubblikazzjoni li tkun disponibbli f'żewġ formats differenti li madankollu jinbiegħu dejjem flimkien jingħataw ISBN wieħed biss. Jekk iż-żewġ formats jkunu disponibbli b'mod separat għandhom jitniżżlu wieħed taħt l-ieħor l-ISBNs kollha fuq kull verżjoni. Barra dan, wara tmiem l-ISBN għandu jidher f'parenteżi l-isem imqassar tal-format inkwistjoni.

Eżempji: ISBN 978-951-45-9693-3 (qoxra iebsa)
ISBN 978-951-45-9694-0 (qoxra ratba)
ISBN 978-951-45-9695-7 (PDF)
ISBN 978-951-45-9696-4 (EPUB bla DRM)
ISBN 978-951-45-9999-5 (EPUB bla ACS4 DRM)

L-ISBN għandu jidher ukoll fuq kull materjal uffiċjali li joħroġ flimkien mal-pubblikazzjoni.

L-ISBN għandu jkun stampat b'tipa kbira biżżejjed li tinqara faċilment (kobor ta' 9 jew ikbar).

## 8.2 L-ISBN miktub f'kodiċi bl-iżbarri

L-espansjoni globali fl-iskennjar tal-kodiċi bl-iżbarri prominenza lill-ftehim milħuqa bejn il-GS1 (qabel magħruf bħala l-EAN International u l-Uniform Code Council) u l-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN u l-Aġenzija Internazzjonali tal-ISMN. Dan il-ftehim beda jippermetti li l-ISBN ikun ikkodifikat f'kodiċi ta' 13-il żbarra. B'hekk bħala identifikatur internazzjonali l-ISBN sar kumpatibbli mal-iskema dinjija tal-kodifikazzjoni bl-iżbarri.

Ir-rappreżentanza tal-ISBN fis-simboloġija tal-kodiċi bl-iżbarri EAN-13 għandu jsir skont l-istandard ISO/IEC 15420 (speċifikazzjoni simboloġika tal-kodiċi bl-iżbarri (EAN/UPC) li tesiġi li l-użu tas-simboli EAN-13 ikunu konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-GS1. Il-kodiċi bl-iżbarri EAN jikkonsisti fi 13-il ċifra.

ISBN ikkodifikat bis-simboloġija tal-kodiċi bl-iżbarri EAN-13 jidher hekk: ISBN 978-1-873671-00-9

Meta jintuża f'kodiċi bl-iżbarri l-ISBN għandu jidher f'forma li tinqara mill-bniedem sewwasew fuq is-simbolu tal-kodiċi bl-iżbarri EAN-13 wara l-akronimu "ISBN".

Dan huwa eżempju ta' ISBN stampat bis-simboloġija tal-kodiċi bl-iżbarri EAN-13:

ISBN 978-1-873671-00-9

9 781873 671009

Iżjed tagħrif dwar l-introduzzjoni u l-użu tas-simboloġija tal-kodiċi bl-iżbarri EAR-13 tista' tinkiseb mill-aġeniji tal-grupp tal-ISBN u mill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN. L-aġenziji tal-grupp tal-ISBN huma mħeġġa jikkoperaw bis-sħiħ u mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tal-GS1 fuq il-livelli nazzjonali u reġjonali.

Huwa rrakomandat li s-simbolu tal-kodiċi bl-iżbarri EAN-13 jidher fil-kantuniera leminija ta' qiegħ il-qoxra ta' wara tal-pubblikazzjoni, jiġifieri qrib l-ispina.

### 8.3 Il-kodiċi supplimentari b'ħames ċifri

Fl-Istati Uniti u fil-Kanada flimkien mal-kodiċi bl-iżbarri jintuża wkoll kodiċi supplimentari b'ħames ċifri li jindika l-prezz tal-pubblikazzjoni. Għal iżjed tagħrif dwar is-sistema tal-kodiċi bl-iżbarri użata fl-Istati Uniti u fil-Kanada żur is-sit elettroniku tal- Book Industry Study Group www.bisg.org.

Dan il-kodiċi supplimentari m'għandu qatt jintuża biex jindika l-prezz f'pajjiżi oħrajn. Madankollu jista' jintuża bil-prefiss "9" għall-użu intern tal-pubblikaturi (eż. fl-ipproċessar tal-bgħit lura tal-kotba). Dawn il-kodiċijiet supplimentari għandhom dejjem jibdew bin-numru "9" fil-limiti tal-medda numerika "90000-98999".

### 8.4 L-algoritmu li jiġġenera l-kodiċi bl-iżbarri tal-ISBN u tal-EAN.UCC

Għal iżjed tagħrif dwar il-kalkolu taċ-ċifra tal-kontroll tal-ISBN ara ċ-*Ċifra tal-Kontroll* (it-Taqsima A1.1, Appendiċi). Ara wkoll *Id-Distribuzzjoni tal-Meded Numeriċi* għal tagħrif dwar il-formuli użati fid-dekompożizzjoni tal-ISBNs.

## 9. Il-Ġestjoni tas-Sistema tal-ISBN

### 9.1 Ġenerali

Il-ġestjoni tas-sistema tal-ISBN issir fuq tliet livelli: il-livell internazzjonali, il-livell tal-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN u l-livell tal-pubblikatur.

### 9.2 Il-Ġestjoni internazzjonali

Il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet ewlenin tal-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN huma dawn:

- Il-promozzjoni, il-kordinazzjoni u s-superviżjoni tal-użu tas-sistema tal-ISBN fuq livell dinji

- Ir-rappreżentanza tal-interessi tal-komunità tal-ISBN ma' organizzazzjonijiet relevanti oħrajn

- Il-ħatra ta’ organizzazzjonijiet xierqa fir-rwol ta’ aġenziji tar-reġistrazzjoni tal-ISBN u r-revoka tal-ħatriet meta jkun meħtieġ

- Id-definizzjoni tal-gruppi tar-reġistrazzjoni u l-oqsma tar-responsabbiltajiet tagħhom u l-allokazzjoni ta’ aġenziji tar-reġistrazzjoni tal-ISBN xierqa lil dawn il-gruppi

- It-tfassil tar-regoli għall-gruppi tar-reġistrazzjon li jirregolaw it-tul tan-numri ta’ reġistrazzjoni disponibbli fi ħdan kull grupp u li jiżguraw id-disponibbiltà pubblika ta’ reġistru aġġornat, korrett u komplut ta’ dawn ir-regoli

- L-allokazzjoni tal-meded numeriċi għall-identifikazzjoni tal-pubblikaturi lill-aġenziji tal-ISBN u ż-żamma ta’ reġistru komplut u preċiż tan-numri tal-identifikazzjoni tal-pubblikaturi li jkunu ġew allokati

- L-aġġornament tal-ISBNs u tal-metadata assoċjata magħhom permezz tar-reġistri tal-aġenziji tar-reġistrazzjoni tal-ISBN

- L-iżvilupp, is-sorveljanza u l-infurzar tal-politiki u tal-proċeduri li jirregolaw il-ħidma tal-aġenziji tal-ISBN u l-proċess tar-reġistrazzjoni tal-ISBN ta’ dawn l-aġenziji, inkluż kwalunkwe tariffa assoċjata ma’ dan il-proċess

- L-iffaċilitar tal-valutazzjoni u tar-riżoluzzjoni ta’ każi ta’ allokazzjoni doppja ta’ ISBN partikulari

- Il-valutazzjoni u l-arbitraġġ ta’ deċiżjonijiet meħuda mill-aġenziji tar-reġistrazzjoni

- L-iżvilupp, iż-żamma u d-disponibbiltà pubblika tad-dokumentazzjoni relatata mal-użu tas-sistema tal-ISBN

- L-implimentazzjoni u ż-żamma fis-seħħ ta’ arranġamenti ta’ finanzjament meħtieġa li jappoġġaw il-ħidma tal-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN, inklużi, fost oħrajn, il-kontributi finanzjarji tal-aġenziji tar-reġistrazzjoni tal-ISBN.

## 9.3 L-aġenziji nazzjonali tal-ISBN

Il-ġestjoni tas-sistema tal-ISBN fi ħdan grupp tar-reġistrazzjoni partikulari hija r-responsabbiltà tal-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN. L-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN

tista' taħdem fuq livell nazzjonali, reġjonali u lingwistiku jew f'qasam ta' responsabbiltà raġonevoli ieħor, dejjem abbażi tal-grupp tal-allokazzjoni inkwistjoni.

Fi ħdan grupp wieħed jista' jkun hemm bosta aġenziji nazzjonali (eż. il-gruppi 978-0 u 978-1 għandhom aġenziji separati fl-Awstralja, fil-Kanada Anglofona, fir-Renju Unit, fl-Istati Uniti eċċ.).

Il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet ewlenin tal-aġenziji nazzjonali tal-ISBN huma dawn:

- It-teħid ta' passi li jiżguraw il-kontinwità tas-servizzi
- Il-ħruġ ta' avviżi dwar l-allokazzjoni ta' ISBN jew ta' numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur lill-pubblikaturi li jirreġistraw pubblikazzjoni monografika f'isimhom
- Il-ħolqien, il-ġestjoni u l-aġġornament tar-reġistri tal-ISBN, tal-metadata tal-ISBN u tad-data amministrattiva skont il-politiki stipulati mill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN. (Il-kompiti li jinvolvu l-metadata tal-ISBNs jistgħu jiġu ddelegati lil aġenziji bibljografiċi maħtura kemm-il darba tinżamm bis-sħiħ il-konformità ma' dawn l-ispeċifikazzjonijiet)
- It-tiswija tal-ISBNs u tal-metadata tal-ISBNs skorretti f'każi fejn tingħata evidenza ta' dawn l-iżbalji
- It-teħid ta' passi li jiżguraw li l-ISBNs u l-metadata assoċjata magħhom ikunu disponibbli għall-aġenziji tar-reġistrazzjoni l-oħra u għall-utenti tas-sistema tal-ISBN b'konformità sħiħa mal-politiki stipulati mill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN.
- Il-ġbir f'ordni korretta u l-aġġornament ta' data statistika dwar il-ħidmiet tagħhom fuq l-ISBN u r-rapportar ta' din id-data f'intervalli stabbilti lill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN
- Il-promozzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ fl-użu tas-sistema tal-ISBN f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-edizzjoni applikabbli tal-istandards u n-normi tal-ISBN li jkunu attwalment fis-seħħ
- Iż-żamma tal-konformità mal-politiki u mal-proċeduri tal-ISBN stabbiliti mill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-edizzjoni applikabbli tal-istandards u n-normi tal-ISBN li jkun attwalment fis-seħħ

### 9.4 Il-ġestjoni mill-pubblikaturi

Il-pubblikaturi għandhom ir-responsabbiltà li jallokaw in-numri tal-identifikazzjoni lill-prodotti differenti li jippubblikaw u li jiżguraw l-applikazzjoni korretta tar-regolamenti relevanti. Huma jistgħu japplikaw għal numru ta' identifikazzjoni u jirċivuh minn aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN flimkien ma' lista stampata jew elettronika tal-ISBNs individwali li jkunu disponibbli għalihom fi ħdan l-element tar-reġistrazzjoni allokat. Ċerti aġenziji tar-reġistrazzjoni jitolbu tariffa għal dawn is-servizzi.

L-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN tistabbilixxi l-meded numeriċi tan-numri tal-identifikazzjoni li jkunu disponibbli għall-pubblikatur. Il-medda numerika allokata tiġi stabbilita abbażi tal-produzzjoni kurrenti u tal-produzzjoni ġejjiena antiċipata. Din il-medda tkun direttament relatata mal-għadd ta' ċifri tan-numru tal-identifikazzjoni allokat. Il-pubblikaturi għandhom jiżguraw li l-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN tagħhom ikollha biżżejjed informazzjoni dwar il-pubblikazzjonijiet li jkunu għadhom fl-istampa u għandhom jgħarrfu lill-aġenzija bil-pubblikazzjonijiet imgħoddija u ġejjiena kollha sabiex l-aġenzija tkun tista' tallokalhom identifikatur b'tul xieraq.

Il-pubblikaturi għandhom ifornu lill-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN (jew lill-aġenzija bibljografika lokali tagħha) ammont speċifiku ta' metadata dwar il-pubblikazzjoni li jkun ser jinħarġilha ISBN. L-ispeċifikazzjonijiet tat-tip u l-format tal-metadata jiġu stabbiliti mill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN b'koperazzjoni mal-aġenziji tar-reġistrazzjoni tal-ISBN (ara t-Taqsima 5.13 iżjed 'l fuq).

Iżjed tagħrif u struzzjonijiet dettaljati rigward is-sistema tal-ISBN jistgħu jinkisbu mill-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISBN relevanti.

## 10. Pubblikaturi non-parteċipanti

Fil-każ ta' pubblikaturi li ma jkunux qegħdin jipparteċipaw fis-sistema tal-ISBN, l-aġenzija tal-grupp relevanti għandha tikkuntattja lill-pubblikaturi u tgħarrafhom bl-importanza u bil-valur tal-allokazzjoni tal-ISBNs għall-pubblikazzjonijiet kollha eliġibbli. Għandha wkoll tgħaddilhom id-dettalji kollha dwar kif jadottaw dan l-istandard.

Fil-każ ta' pubblikaturi li jippubblikaw biss titlu okkażjonali u li aktarx qatt ma jkunu f'qagħda li jidħlu għar-responsabbiltà tan-numerazzjoni, l-aġenzija tal-grupp tista' talloka blokk ta' identifikaturi lil diversi pubblikaturi u tinnumera l-pubblikazzjonijiet kollha b'dak il-blokk, ikun min ikun il-pubblikatur inkwistjoni. Madanakollu din il-prattika għandha titħaddem b'kontrolli stretti minħabba l-konfużjoni li tista' tikkawża peress li hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li tesiġi "numru ta' identifikazzjoni wieħed għal kull pubblikatur/indirizz bibljografiku." F'dawn il-każi għandhom ikunu l-ISBNs individwali ta' din l-allokazzjoni u mhux l-element tar-reġistrazzjoni li jidentifikaw pubblikatur partikulari b'mod uniku.

F'xi pajjiżi l-aġenzija tal-grupp talloka ISBNs lil pubblikazzjonijiet li jaslu għandha bħala depożitu legali minkejja li ma jkun inħarġilhom l-ebda ISBN. F'dawn il-każi l-aġenzija tal-grupp imbagħad tipproċedi billi tgħarraf lill-pubblikatur bl-ISBN li jkun inħariġlu u tippubblikah fil-bibljografija nazzjonali tagħha.

## 11. L-ISBN u l-GS1

Fl-1997 intlaħaq ftehim bejn l-EAN International (EAN), il-Uniform Code Council (UCC), l-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN u l-Aġenzija Internazzjonali tal-ISMN favur it-trawwim ta' koperazzjoni reċiproka f'dan il-qasam. Il-ftehim jagħti status ta' osservaturi lir-rappreżentanti rispettivi waqt l-assemblej ġenerali ta' xulxin, jissuġġerixxi konsultazzjonijiet u jirregola n-numerazzjoni ta' kotba mhux stampati. Fi Frar 2005 l-EAN International u l-Uniform Code Council inġabru flimkien bl-isem GS1.

Kuntatti:
GS1 Global Office
Blue Tower
Avenue Louise 326
B-1050 Brussels
Belgium
Tel: (+32 2) 788 7800
Fax: (+32 2) 788 7899
Email: contactus@gs1.org
URL: http://www.gs1.org

Il-lista tal-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-GS1: http://www.gs1.org/contact

# 12. L-ISBN u Identifikaturi Oħrajn

## 12.1 Id-DOI

L-identifikatur tal-Oġġett Diġitali (DOI®) huwa sistema li tidentifika riżorsi numeriċi fl-ambjent diġitali. L-ismijiet tad-DOI® jingħataw lil kull entità biex tużahom f'netwerks diġitali. Jintużaw biex jagħtu informazzjoni kurrenti, inkluż fejn dawn (jew it-tagħrif dwarhom) jistgħu jinstabu fuq l-internet. Maż-żmien l-informazzjoni dwar l-oġġetti diġitali tista' tinbidel, iżda d-DOI tal-oġġett numeriku jibqa' l-istess.

International DOI Foundation Tel: +44 (0)1865 559070.
Email: n.paskin@doi.org
URL: http://www.doi.org

## 12.2 L-ISBN-A

L-ISBN-A (The Actionable ISBN) huwa sintassi u servizz offrut minn ċerti aġenziji tal-ISBN. Dan jitħaddem mid-DOI® biex jesprimi ISBN eżistenti bis-Sistema DOI ħalli jippermetti li ssir konnessjoni fuq l-internet bejn ISBN partikulari u URL wieħed jew iktar.

International ISBN Agency
United House
North Road
London N7 9DP
United Kingdom
Tel: +44 (0)20 7503 6418
Email: info@isbn-international.org
URL: http://www.doi.org/factsheets/ISBN-A.html

## 12.3 Il-GTIN

Il-GTIN (Global Trade Item Number) huwa terminu ġeneriku għall-identifikaturi tal-prodotti EAN.UCC, inkluża r-rappreżentazzjoni EAN-13 tal-ISBN.

GS1 Global Office

Blue Tower
Avenue Louise 326
B-1050 Brussels
Belgium
Tel: (+32 2) 788 7800
Fax: (+32 2) 788 7899
Email: contactus@gs1.org
URL: http://www.gs1.org/barcodes/technical/idkeys/gtin

## 12.4 Il-URN

Il-Uniform Resource Names (URNs) hija sistema ta' identifikazzjoni permanenti tal-informazzjoni. Is-sintassi tagħhom, li hija ddefinita mill-istandard tal-internet RFC 2141, hija din:

<URN>:= "urn:" <NID> ":" <NSS>

fejn <NID> hija l-identifikatur tal-ispazju nominali u <NSS> hija l-parti speċifika tal-ispazju nominali. L-"urn:" u l-identifikatur tal-ispazju nominali ma jagħmlux distinzjoni bejn ittri majjuskoli u minuskoli.

L-NID "isbn" tħalla għas-sistema tal-ISBN fir-RFC 3187 (ara l-ħolqa t'hawn taħt). Skont dan ir-RFC kull URN li jkun ibbażat fuq l-ISBN ikollu din is-sintassi:

urn:isbn:<NSS>

fejn il-parti speċifika tal-ispazju nominali jkun fiha l-ISBN f'forma li tinqara mill-magni. Pereżempju:

urn:isbn:9780110002224

http://tools.ietf.org/html/draft-ietf-urnbis-rfc3187bis-isbn-urn-00

## 12.5 L-ISAN

L-ISAN (In-Numru Internazzjonali Standard tal-Produzzjonijiet Awdjoviżivi) huwa sistema ta' numerazzjoni volontarja u skema ta' metadata li tippermetti l-identifikazzjoni ċara ta' kwalunkwe xogħol awdjoviżiv, inklużi films, filmati qosra, dokumentarji, programmi televiżivi, avvenimenti sportivi, reklamar u l-verżjonijiet assoċjati magħhom.

L-ISAN huwa rreġistrat bħala ISO15706-1 u 15706-2.

L-Awtorità Internazzjonali tar-Reġistrazzjoni tal-ISAN hija din:

ISAN International Agency
1A, rue du Beulet
CH-1203 Geneva
Switzerland
Tel:: (+41) 22 545 10 00
Fax: (+41) 22 545 10 40
Email: info@isan.org
URL: http://www.isan.org

## 12.6 L-ISMN

In-Numru Internazzjonali Standard tal-Mużika (ISMN) jidentifika l-pubblikazzjonijiet mużikali stampati kollha, sew jekk ikunu għall-bejgħ, għall-kiri jew inkella jitqassmu b'xejn.

L-ISMN jista' jiġi integrat fil-kodiċi bl-iżbarri internazzjonali ta' 13-il ċifra bl-użu tal-prefiss. Għall-għan esklużiv tal-kodifikazzjoni bl-iżbarri, "M" tingħata l-valur numeriku ta' żero (0).

L-ISMN ma jintużax għall-kotba dwar il-mużika li jingħataw ISBN normali. Ma jintużax lanqas għal tejps mużikali, CDs jew videos.

L-amministrazzjoni tal-ISMN issir mill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISMN:

International ISMN Agency
Schlossstr. 50
12165 Berlin, Germany
Tel.: (+49 30) 7974 5002
Fax: (+49 30) 7974 5254

Email: ismn@ismn-international.org

URL: http://ismn-international.org

## 12.7 L-ISRC

Il-Kodiċi Internazzjonali Standard tar-Reġistrazzjonijiet (ISRC) huwa standard internazzjonali li jidentifika reġistrazzjonijiet mużikali u videos (ISO 3901). Dan jinnumera kull reġistrazzjoni (mhux l-oġġett fiżiku), ikun xi jkun il-kuntest jew il-mezz tal-produzzjoni tagħha. L-ISRC ikkodifikat jipprovdi l-mezzi li jidentifikaw ir-reġistrazzjonijiet b'mod awtomatiku u b'hekk jiffaċilita l-ħlasijiet tad-drittijiet tal-kompożitur.

Il-ġestjoni tas-sistema tal-ISRC issir mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Industrija Fonografika (IFPI):

International ISRC Agency

IFPI Secretariat

10 Piccadilly

London

W1J 0DD

United Kingdom

Tel: +44 (0)20 7878 7900

Fax: +44 (0)20 7878 7950

Email: isrc@ifpi.org

URL: http://www.ifpi.org/isrc

## 12.8 L-ISSN

L-ISSN (The International Standard Serial Number), li huwa rregolat mill-istandard ISO 3297, huwa l-istandard internazzjonali li jidentifika l-pubblikazzjonijiet li joħorġu f'sensiela (pubblikazzjonijiet li joħorġu minn żmien għal żmien bla ebda konklużjoni ddefinita). Pubblikazzjonijiet bħal dawn is-soltu joħorġu f'ħarġiet kumplimentari jew suċċessivi u ġeneralment f'ordni numerika u/jew kronoloġika. Eżempji tipiċi ta' dawn jinkludu ġazzetti, perjodiċi, rivisti eċċ. kif ukoll riżorsi kumplimentari kontinwi bħal pubblikazzjonijiet b'paġni sfużi li jibqgħu jiġu aġġornati.

Il-ġestjoni tal-ISSN issir miċ-Ċentru Internazzjonali tal-ISSN:

ISSN International Centre
5 rue de Turbigo
75003 PARIS
FRANCE
Tel: (+33) 1 44 88 22 20
Fax: (+33) 1 40 26 32 43
Email: issnic@issn.org
URL: http://www.issn.org

Ċerti pubblikazzjonijiet, bħal kotba annwali, annwarji, sensiliet monografiċi eċċetera, għandu jinħarġilhom ISSN għat-titlu tas-sensiela (li jibqa' l-istess għall-partijiet jew għall-volumi individwali tas-sensiela kollha) u ISBN għal kull volum individwali. Jekk jiġu allokati ISBN u ISSN lil pubblikazzjoni partikulari dawn għandhom ikunu identifikati t-tnejn b'mod ċar.

## 12.9 L-ISTC

L-ISTC (Il-Kodiċi Internazzjonali Standard tal-Pubblikazzjonijiet Testwali), li huwa rregolat mill-istandard ISO 21047, huwa sistema numerika li tidentifika b'mod uniku l-pubblikazzjonijiet testwali. It-terminu "pubblikazzjoni" f'dan il-każ jirreferi għal kull kontenut li jidher f'kotba stampati b'mod konvenzjonali, awdjoktieb, kotba elettroniċi statiċi jew kotba diġitali b'funzjonijiet supplimentari. Jirreferi wkoll għal kontenut li jista' jidher f'gazzetta jew f'ġurnal.

L-ISTC ma jiġix allokat lil prodotti fiżiċi jew lil manifestazzjonijiet oħrajn tax-xogħlijiet inkwistjoni. Prodotti fiżiċi bħal dawn (kotba stampati, awdjokotba jew verżjonijiet elettroniċi ta' dawn il-prodotti) għandu jinħarġilhom ISBN uniku.

Tista' tikseb iżjed tagħrif minn hawn:

EDItEUR
United House
North Road
London N7 9DP
UK

Tel: +44 (0)20 7503 6418

Fax: +44 (0)20 7503 6418

Email: info@editeur.org

URL: www.istc-international.org

### 12.10 L-ISWC

Il-Kodiċi Internazzjonali Standard tax-Xogħlijiet Mużikali (ISWC) jidentifika xogħlijiet mużikali bħala kreazzjonijiet tanġibbli. Ma jintużax biex jidentifika manifestazzjonijiet jew oġġetti relatati ma' xogħlijiet mużikali. Manifestazzjonijiet u oġġetti bħal dawn huma soġġetti għal sistemi ta' identifikazzjoni separati bħall-ISRC u l-ISMN (ara d-deskrizzjonijiet ta' kull identifikatur f'partijiet oħra ta' dan il-kapitlu).

Eżempju: L-opra *Die Zauberflöte (Il-Flawt Maġiku)* ta' Mozart jista' jingħatalha ISWC biex jidentifikaha. Il-bosta parituri stampati jikkwalifikaw għall-ISMNs mentri l-libretti u t-traduzzjonijiet tagħhom huma eliġibbli għall-ISTCs (u l-pubblikazzjonijiet tagħhom għall-ISBNs). Il-filmati tal-eżekuzzjoni tagħhom jingħataw ISAN filwaqt li reġistrazzjonijiet sonori tal-opera jiġu identifikati bl-ISRCs.

Għal iżjed tagħrif ikkuntattja lill-aġenzija tar-reġistrazzjoni tal-ISWC:

CISAC

20-26 Boulevard du Parc

92200 Neuilly sur Seine

France

Tel.: (+ 33 1) 55 62 08 50

Fax: (+ 33 1) 55 62 08 60

Email: cisac@cisac.org

URL: http://www.cisac.org

### 12.11 L-ISNI

L-International Standard Name Identifier (ISNI) huwa Standard ISO (ISO 27729) li jidentifika l-identitajiet pubbliċi tal-partijiet involuti, jiġifieri l-identitajiet użati pubblikament mill-partijiet involuti fl-industriji tal-kontenut tal-midja fil-ħolqien, fil-produzzjoni, fil-ġestjoni u fil-ktajjen tad-distribuzzjoni tal-kontenut. Is-sistema tal-ISNI tidentifika b'mod uniku l-identitajiet

pubbliċi f'diversi oqsma ta' attività kreattiva. L-ISNI jipprovdi għodda li tiddistingwi mingħajr l-ebda ambigwità identitajiet pubbliċi li mingħajr din is-sistema wieħed jista' jitfixkilhom ma' xulxin. L-ISNI mhuwiex maħsub biex jagħti aċċess dirett għal informazzjoni kompluta dwar xi identità pubblika, iżda jista' jipprovdi ħoloq għal sistemi oħra li jaħżnu din l-informazzjoni.

Tista' tikseb iżjed tagħrif minn hawn:

ISNI International Agency Ltd c/o ALCS
The Writers' House
13 Haydon Street
London EC3N 1DB
UK
Email: info@isni.org
URL: http://www.isni.org

## 13. L-ONIX għall-Kotba

L-ONIX għall-Kotba (ONline Information eXchange) huwa l-istandard internazzjonali użat fir-rappreżentazzjoni u l-komunikazzjoni elettronika tal-informazzjoni fuq il-prodotti tal-industrija tal-kotba.

L-ONIX għall-Kotba tfassal minn EDItEUR flimkien mal-Book Industry Study Group (l-Istati Uniti) u l-Book Industry Communication (ir-Renju Unit) u bħalissa qiegħed jintuża b'mod wiesa' mad-dinja kollha. L-iżvilupp kontinwu tal-ONIX isir min-netwerk ta' gruppi nazzjonali u kumitat ta' tmexxija internazzjonali kkordinat minn EDItEUR. L-aħħar verżjoni hija r-Release 3.0.

Għall-pubblikaturi, l-esperjenza wriet li l-ONIX għall-Kotba iġib żewġ benefiċċji kummerċjali importanti. Bħala format ta' komunikazzjoni dan jippermetti li tingħata informazzjoni dettaljata dwar il-prodott fil-katina tal-provvista f'forma standard, lill-grossisti u lid-distributuri, lill-ħwienet il-kbar, lill-aggregaturi tad-data u lill-kumpaniji affiljat. Barra dan, permezz tat-tfassil ta' mudell għall-kontenut u għall-istruttura tar-reġistrazzjoni tal-prodott, l-ONIX ta kontribut validu lit-titjib ta' sistemi informatiċi li jistgħu jiġbru flimkien kull tip ta' metadata meħtieġa għad-deskrizzjoni u għall-promozzjoni ta' pubblikazzjonijiet ġodda u

antiki. Il-pubblikaturi jistgħu jużaw l-istess data bażika biex joħorġu folji informattivi dwar pubblikazzjonijiet ġejjiena, katalgi u materjal promozzjonali ieħor.

L-ONIX għall-Kotba jippermetti wkoll li s-sħab downstream fil-katina tal-provvista jniżżlu malajr u b'modi iżjed effikaċi kull tagħrif aġġornat dwar il-prodotti fis-sistemi tal-ġestjoni tal-klijenti tagħhom b'inqas ħtieġa ta' interventi manwali u b'inqas riskju li jsiru xi żbalji.

Il-Library of Congress stabbiliet korrispondenza bejn l-ONIX u l-MARC21 u l-ONIX u l-British Library. Diversi librerji nazzjonali qegħdin jużawh biex jirċievu l-informazzjoni dwar il-prodotti mill-pubblikaturi għall-finijiet tal-Cataloguing-in-Publication (CIP) jew biex isaħħu l-Online Public Access Catalogues (OPACs).

Tista' tintuża wkoll speċifikazzjoni għal sottosett tal-ONIX għall-Kotba. Din hija maħsuba b'mod speċifiku biex tittratta l-metadata meħtieġa għar-reġistrazzjoni tal-ISBN.

Tista' tintuża wkoll mill-pubblikaturi biex jgħarrfu lill-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni bl-ISBNs li jkunu allokaw għall-prodotti tagħhom meta ma jkunx meħtieġ messaġġ tal-ONIX għall-Kotba sħiħ.

Iżjed tagħrif dwar l-ONIX jista' jinkiseb minn hawn:

EDItEUR
United House
North Road
London N7 9DP
UK
Tel: +44 (0)20 7503 6418
Fax: +44 (0)20 7503 6418
Email: info@editeur.org
URL: http://www.editeur.org/8/ONIX/

# 14. Pubblikazzjonijiet

**Id-Direttorju Internazzjonali tal-ISBN tal-Pubblikaturi (PIID)**

*Id-Direttorju Internazzjonali tal-ISBN tal-Pubblikaturi* (PIID) jiġbor fih l-elementi tar-reġistrazzjoni kollha u d-dettalji tal-kuntatti tal-pubblikaturi korrispondenti. Bħalissa dan id-direttorju jinsab disponibbli għall-pubbliku kemm f'verżjoni stampata u kemm f'verżjoni elettronika fuq l-internet.

Għal iżjed tagħrif żur is-sit elettroniku http://isbn-international.org/page/directory

## 15. Mistoqsijiet Frekwenti dwar is-Sistema tal-ISBN

Ara l-mistoqsijiet frekwenti dwar l-ISBN hawnhekk: http://isbn-international.org/faqs

# ANNESS 1

# Il-kalkolu taċ-ċifra tal-kontroll u d-distribuzzjoni tal-meded numeriċi

## A1.1 Il-kalkolu taċ-ċifra tal-kontroll

Kull waħda mit-12-il ċifra tal-ISBN tiġi mmultiplikata b'mod alternattiv b'1 jew bi 3. Iċ-ċifra tal-kontroll għandha l-valur li jirriżulta meta minn 0 jitnaqqas il-bqija li jifdal mid-diviżjoni b'10 tat-total tal-prodotti pponderati tal-ewwel 12-il ċifra. Madankollu hemm eċċezzjoni waħda: jekk ir-riżultat ta' dan il-kalkolu jkun ċifra ta' kontroll apparenti ta' 10, iċ-ċifra tal-kontroll tkun 0.

Bil-metodu spjegat hawn fuq, uża dawn il-passi biex tikkalkula ċ-ċifra tal-kontroll għall-ISBN 978-0-11-000222-?:

**Pass 1**: Ikkalkula t-total tal-prodotti pponderati għall-ewwel 12-il ċifra tal-ISBN (ara t-tabella t'hawn taħt).

| | Prefiss | | | Numru tal-identifikazzjoni tal-grupp | Numri tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur | | Numri tal-identifikazzjoni tal-pubblikazzjoni | | | | | | Ċifra tal-kontroll | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ISBN | 9 | 7 | 8 | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 2 | 2 | 2 | ? | |
| Ponderazzjoni | 1 | 3 | 1 | 3 | 1 | 3 | 1 | 3 | 1 | 3 | 1 | 3 | - | |
| Prodott | 9 | 21 | 8 | 0 | 1 | 3 | 0 | 0 | 0 | 6 | 2 | 6 | - | 56 |

**Pass 2**: Iddividi b'10 t-total tal-prodotti pponderarti tal-ewwel 12-il ċifra tal-ISBN ikkalkulat fil-pass 1 ħalli toħroġ il-bqija.

56 / 10 = 5 il-bqija = 6

**Pass 3**: Naqqas minn 10 l-bqija kkalkulat fil-pass 2. Id-differenza li tirriżulta hija l-valur taċ-ċifra tal-kontroll. Madankollu hemm eċċezzjoni waħda: jekk il-bqija mill-pass 2 tkun 0, iċ-ċifra tal-kontroll tkun 0.

10 – 6 = 4

Ċifra tal-kontroll = 4

ISBN = 978-0-11-000222-4

Din il-formula matematika hija metodu alternattiv li jesprimi l-kalkolu taċ-ċifra tal-kontroll:

Ċifra tal-kontroll = mod 10 (10 – [mod 10 {total tal-prodotti pponderati tal-ewwel 12-il ċifra tal-ISBN}])

Ċifra tal-kontroll = mod 10 (10 – [mod 10 {56}])

Ċifra tal-kontroll = 4

Biex ISBN ikun validu, it-total tal-prodotti pponderati tal-ewwel 12-il ċifra magħdud maċ-ċifra tal-kontroll għandu jkun diviżibbli b'10 mingħajr ebda bqija.

*Nota:* It-tul tal-elementi tal-grupp tal-identifikazzjoni tal-grupp, tal-pubblikatur jew tal-pubblikazzjoni jista' jvarja u mhux dejjem ikun l-istess bħall-eżempju muri fit-tabella t'hawn fuq. Il-kumbinazzjonijiet tal-grupp tar-reġistrazzjoni u tal-pubblikatur huma validi. Għal iżjed tagħrif dwar il-formuli matematiċi meħtieġa għall-validazzjoni u għad-dekompożizzjoni tal-ISBNs, ara t-Taqsima *Id-Distribuzzjoni tal-Meded Numeriċi*.

Biex tingħata għajnuna fil-kalkolu tal-ISBNs tiegħek ikkuntattja lill-aġenzija lokali tar-reġistrazzjoni tal-ISBN u itlobha tgħaddilek listi diġà kkalkulati tal-ISBNs jew software li jikkalkula l-ISBNs tiegħek.

## A1.2 Id-Distribuzzjoni tal-Meded Numeriċi

Il-meded numeriċi jiġu allokati skont id-domanda antiċipata (id-daqs tal-programm tal-pubblikazzjoni) fi grupp reġjonali jew f'lingwa partikulari. L-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN twarrab f'riżerva għadd ta' numri ta' identifikazzjoni biex tiżgura l-kapaċità ġejjiena tas-sistema. L-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN talloka dawn l-elementi kif ikun meħtieġ meta jkun hemm għadd baxx ta' meded numeriċi f'xi grupp partikulari. Barra dan, il-meded numeriċi tal-identifikazzjoni tal-pubblikaturi fi ħdan medda numerika ta' identifikazzjoni ta'

grupp li tkun diġà ġiet allokata lil reġjun jew żona lingwistika speċifika jistgħu jibqgħu indefiniti ħalli jiġu ssodisfati il-ħtiġijiet tal-ġejjieni.

Id-dettalji kompluti tal-gruppi tar-reġistrazzjoni u tal-metadata tal-meded numeriċi tal-pubblikaturi jistgħu jinkisbu mill-Aġenzija Internazzjonali ISBN. Dawn jippermettu l-validazzjoni tal-allokazzjoni attwali tal-meded numeriċi definiti. Mhux kull kumbinazzjoni tan-numri tal-identifikazzjoni tal-grupp u tal-pubblikaturi hija valida. L-istruzzjonijiet rigward il-formula matematika (li tuża l-metadata kompluta tal-meded numeriċi tal-identifikazzjoni tal-grupp u tal-pubblikatur) meħtieġa għad-dekompożizzjoni tal-ISBNs fil-partijiet kostitwenti tiegħu tinsab iżjed 'l isfel. L-informazzjoni dwar il-kalkolu taċ-ċifra tal-kontroll u l-validazzjoni tinsab fit-taqsima *Il-Kalkolu taċ-Ċifra tal-Kontroll*.

L-għadd ta' ċifri f'kull waħda mill-partijiet tal-ISBN (grupp pubblikatur, pubblikazzjoni) jvarja fit-tul, għalkemm it-total ta' ċifri li jinsabu f'dawn it-tliet elementi b'kollox ikun dejjem disgħa. Dawn id-disa' ċifri, flimkien mal-prefiss ta' tliet ċifri u ċ-ċifra tal-kontroll jiffurmaw ISBN bi 13-il numru. L-għadd ta' ċifri tan-numri tal-identifikazzjoni tal-grupp u tal-pubblikatur ivarjaw skont l-għadd ta' kopji stampati mill-grupp jew mill-pubblikatur inkwistjoni. Il-gruppi li jkun mistenni minnhom għadd kbir ta' kopji stampati jirċievu numri b'ċifra waħda jew tnejn. Il-pubblikaturi li jkun mistenni minnhom għadd kbir ta' kopji stampati jingħatawlhom numri b'żewġ ċifri jew tlieta.

*Nota:* L-għadd ta' ċifri speċifikati u allokati lill-gruppi u lill-pubblikaturi fi ħdan il-prefiss 978 mhuwiex indikatur affidabbli biex jitbassru dawk li ser ikunu speċifikati u allokati fi ħdan prefissi ġejjiena (eż. prefiss 979). L-allokazzjonijiet lill-gruppi u lill-pubblikaturi għall-prefissi ġejjiena jirriflettu l-istorja tal-allokazzjoni u l-projezzjonijiet tal-allokazzjoni għas-sistema tal-prefissi sħiħa fit-totalità tagħha.

L-intenzjoni hija li l-prefissi tal-grupp minn 979 jiġu allokati fuq il-bażi tal-aġenzija nazzjonali biss. L-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN ser toqgħod attenta li tevita l-allokazzjoni ta' prefissi tal-grupp li jinqasmu bejn bosta aġenziji fuq il-bażi ta' lingwa komuni. Il-prefissi tal-grupp minn 979 ser jiġu allokati kif ikun meħtieġ waqt li jispiċċaw l-allokazzjonijiet eżistenti, iżda s'issa m'hemm l-ebda tabella ta' distribuzzjoni għal 979 li hija ekwivalenti għat-"Tabella 1" t'hawn taħt.

Is-sejbien tad-diviżjonijiet interni tal-ISBN bi tlettax-il ċifra huwa proċess b'żewġ passi: qabelxejn għandu jinstab il-grupp tar-reġistrazzjoni bl-użu tal-prefiss allokat lill-ISBN;

imbagħad irid jinstab l-għadd ta’ ċifri tan-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur u tal-pubblikazzjoni bl-użu tar-regoli tal-grupp. Ir-regoli tal-allokazzjoni tal-identifikazzjoni tal-grupp jistgħu jinkisbu mill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN.

It-Tabella 1 turi d-distribuzzjoni tal-meded numeriċi tal-identifikazzjoni tal-grupp fi ħdan il-prefiss 978. Ir-regoli tal-allokazzjoni tan-numri tal-identifikazzjoni tal-grupp għal kull prefiss EAN.UCC ieħor użat fis-sistema tal-ISBN ikunu disponibbli mingħand l-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN qabel ma ssir kull allokazzjoni tan-numri tal-identifikazzjoni tal-grupp fi ħdan il-prefiss EAN.UCC.

**L-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN tirrakkomanda bil-qawwi li jsiru verifiki regolari rigward żidiet jew bidliet possibbli fir-regoli tal-allokazzjoni tan-numri tal-identifikazzjoni tal-grupp.**

**Tabella 1**

**Distribuzzjoni tal-meded numeriċi tal-identifikazzjoni tal-grupp fi ħdan il-prefiss 978**

| Prefiss | Meded numeriċi tal-identifikazzjoni tal-grupp | Numri disponibbli għal kull grupp |
|---|---|---|
| 978 | 0 – 5 | 100,000,000 |
| | 600-649 | 1,000,000 |
| | 6500000-6999999 | (medda numerika mhux iddefinita) |
| | 7 | 100,000,000 |
| | 80 – 94 | 10,000,000 |
| | 950 – 989 | 1,000,000 |
| | 9900 – 9989 | 100,000 |
| | 99900 – 99999 | 10,000 |

It-Tabella 2 turi kif tiddeduċi l-istruttura tal-grupp fil-prefiss 978 għal ISBN partikulari. L-analiżi tal-ħames ċifri li jiġu wara l-prefiss tippermetti s-sejbien tat-tul tan-numru tal-identifikazzjoni tal-grupp. Kif dan it-tul isir magħruf ikun jista’ jinħareġ in-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur.

**Tabella 2**

**Il-metodu tas-sejbien tal-istruttura**

**tal-identifikazzjoni tal-grupp għall-prefiss 978**

| Jekk il-ħames ċifri li jiġu wara l-prefiss ikunu bejn: | L-għadd ta' ċifri tan-numru tal-identifikazzjoni tal-grupp ikun: | Id-diviżjonijiet bejn il-prefiss u n-numru tal-identifikazzjoni tal-grupp li jokkorru wara ċ-ċifri u dawn l-elementi assoċjati: |
|---|---|---|
| 00000 – 59999 | 1 | 3et (prefiss) 4a' (numru tal-identifikazzjoni) |
| 60000 – 64999 | 3 | 3et (prefiss) 6tt (numru tal-identifikazzjoni) |
| 65000 – 69999 | 0 (indefinit) | (medda numerika indefinita) |
| 70000 – 79999 | 1 | 3et (prefiss) 4a' (numru tal-identifikazzjoni) |
| 80000 – 94999 | 2 | 3et (prefiss) 5es (numru tal-identifikazzjoni) |
| 95000 – 98999 | 3 | 3et (prefiss) 6tt (numru tal-identifikazzjoni) |
| 99000 – 99899 | 4 | 3et (prefiss) 7a' (numru tal-identifikazzjoni) |
| 99900 – 99999 | 5 | 3et (prefiss) 8ien (numru tal-identifikazzjoni) |

L-għadd ta' ċifri tan-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur jiġi stabbilit mill-aġenziji ta' reġistrazzjoni tal-ISBN skont il-ħtiġijiet tal-industrija tal-pubblikazzjoni fiż-żona li jaħdmu fiha. Il-meded numeriċi allokati għal kull grupp ta' reġistrazzjoni għandhom ikunu stabbiliti minn qabel mill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN qabel ma tiddeċiedi li tiddistribwixxi l-meded numeriċi tal-ISBNs lill-pubblikaturi fi ħdan dawk il-gruppi.

EŻEMPJU 1:
ISBN test: 9786999999990
Prefiss EAN.UCC: 978
(segment test tal-grupp): 69999
Grupp: (indefinit u invalidu)

*Nota:* Dan l-ISBN test mhuwiex validu għax is-segment test tal-grupp qiegħed fi ħdan il-medda numerika 65000 – 69999 li għandha numru ta' ċifri speċifiku ta' 0 (attwalment indefinit).

EŻEMPJU 2:
ISBN test: 9780777777770
Prefiss EAN.UCC: 978
(segment test tal-grupp): 07777

Grupp: 0

*Nota:* Dan l-ISBN test huwa validu għax is-segment test tal-grupp qiegħed fi ħdan il-medda numerika 00000 – 59999 li għandha numru ta' ċifri speċifiku ta' 1 (definit u validu).

It-tabella 3 turi l-meded numeriċi tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur u tal-pubblikazzjoni fi ħdan il-grupp 978-0.

L-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN tistabbilixxi l-meded numeriċi tal-identifikazzjoni għall-użu fi ħdan kull grupp skont il-programmi tal-pubblikazzjoni antiċipati mill-grupp inkwistjoni.

**Tabella 3**
**Distribuzzjoni tal-meded numeriċi tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur u tal-pubblikazzjoni tal-grupp 978-0**

| Grupp | Medda numerika tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur | Numri disponibbli għall-identifikazzjoni tal-pubblikazzjoni għal kull pubblikatur |
|---|---|---|
| 978-0 | 00 – 19 | 1,000,000 |
| | 200 – 699 | 100,000 |
| | 7000 – 8499 | 10,000 |
| | 85000 – 89999 | 1,000 |
| | 900000 – 949999 | 100 |
| | 9500000 – 9999999 | 10 |

It-tabella 4 turi kif toħroġ l-istruttura interna għall-grupp 978-0. Analiżi tal-ħames ċifri li jiġu wara n-numru tal-identifikazzjoni tal-grupp tippermetti s-sejbien tal-għadd ta' ċifri tan-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur. Kif dan it-tul isir magħruf ikun jista' jinħareġ in-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikazzjoni.

**Tabella 4**

**Metodu tas-sejbien tal-istruttura**

**interna tal-grupp 978-0**

| Jekk il-ħames ċifri li jiġu wara n-numru tal-identifikazzjoni jkunu bejn: | L-għadd ta' ċifri tan-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur ikun: | L-għadd ta' ċifri tan-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikazzjoni/titlu jkun: | Id-diviżjonijiet interni li jokkorru wara kull waħda minn dawn iċ-ċifri u l-elementi assoċjati: |
|---|---|---|---|
| 00000 – 19999 | 2 | 6 | 3et (prefiss) 4a' (grupp) 6tt (pubblikatur) 12ax (titlu) |
| 20000 – 69999 | 3 | 5 | 3et (prefiss) 4a' (grupp) 7a' (pubblikatur) 12ax (titlu) |
| 70000 – 84999 | 4 | 4 | 3et (prefiss) 4a' (grupp) 8ien (pubblikatur) 12ax (titlu) |
| 85000 – 89999 | 5 | 3 | 3et (prefiss) 4a' (grupp) 9a' (pubblikatur) 12ax (titlu) |
| 90000 – 94999 | 6 | 2 | 3et (prefiss) 4a' (grupp) 10ar (pubblikatur) 12ax (titlu) |
| 95000 – 99999 | 7 | 1 | 3et (prefiss) 4a' (grupp) 11ax (pubblikatur) 12ax (titlu) |

EŻEMPJU:

ISBN test: 9780777777770

Prefiss EAN.UCC: 978

Grupp: 0

(segment test tal-pubblikatur): 77777

Pubblikatur: 7777

Pubblikazzjoni: 7777

Ċifra tal-kontroll: 0

L-ISBN li għandu jidher: 978-0-7777-7777-0

*Nota:* Dan is-segment test tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur qiegħed fi ħdan il-medda numerika 70000 – 84999 li għandha n-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur ta' 4 (definit u validu).

It-tabella 5 turi d-distribuzzjoni tal-medda numerika tan-numri tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur għal kull pubblikatur fi ħdan il-grupp 978-951:

**Tabella 5**

**Distribuzzjoni tal-meded numeriċi tan-numri tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur u tal-pubblikazzjonijiet fi ħdan il-grupp 978-951**

| Grupp | Medda numerika tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur | Numri disponibbli għall-identifikazzjoni tal-pubblikazzjoni għal kull pubblikatur |
|---|---|---|
| 978-951 | 0 – 1 | 100,000 |
| | 20– 54 | 10,000 |
| | 550 – 889 | 1,000 |
| | 8900 – 9499 | 100 |
| | 95000 – 99999 | 10 |

It-tabella 6 turi kif toħroġ l-istruttura interna għall-grupp 978-951. Analiżi tal-ħames ċifri li jiġu wara n-numru tal-identifikazzjoni tal-grupp tippermetti s-sejbien tal-għadd ta' ċifri tan-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur. Kif dan it-tul isir magħruf ikun jista' jinħareġ in-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikazzjoni.

**Tabella 6**
**Metodu tas-sejbien tal-istruttura**
**interna għall-grupp 978-951**

| Jekk il-ħames ċifri li jiġu wara n-numru tal-identifikazzjoni tal-grupp ikunu bejn: | In-numru taċ-ċifri tan-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur ikun: | In-numru taċ-ċiffri tan-numru tal-identifikazzjoni tal-pubblikazzjoni jkun: | Id-diviżjonijiet interni li jokkorru wara kull waħda minn dawn iċ-ċifri u l-elementi assoċjati:: |
|---|---|---|---|
| 00000 –19999 | 1 | 5 | 3et (prefiss) 6ta (grupp) 7a' (pubblikatur) 12ax (titlu) |
| 20000 – 54999 | 2 | 4 | 3et (prefiss) 6ta (grupp) 8ien (pubblikatur) 12ax (titlu) |
| 55000 – 88999 | 3 | 3 | 3et (prefiss) 6ta (grupp) 9a' (pubblikatur) 12ax (titlu) |
| 89000 – 94999 | 4 | 2 | 3et (prefiss) 6ta (grupp) 10ra (pubblikatur) 12ax (titlu) |
| 95000 – 99999 | 5 | 1 | 3et (prefiss) 6ta (grupp) 11ax (pubblikatur) 12ax (titlu) |

EŻEMPJU:

ISBN Test: 9789512388882

Prefiss EAN.UCC: 978

Grupp: 951

(segment test tal-pubblikatur): 23888

Pubblikatur: 23

Pubblikazzjoni: 8888

Ċifra tal-kontroll: 2

L-ISBN li għandu jidher: 978-951-23-8888-2

*Nota:* Dan is-segment test tal-identifikazzjoni tal-pubblikatur qiegħed fi ħdan il-medda numerika 20000 – 54999 li għandha numru ta' ċifri speċifiku ta' 2 (definit u validu).